Vol 33
Nru 178
Ottubru - Diċembru 2012

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2012

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Dehra tal-Fortizza ta' Herodion*

# Werrej



15



20



24



32

6 Fortizzi Erodjani fid-Deżert: Herodion

15 Ħarsa Ġenerali lejn l-Evanġelju skont San Ġwann

20 Kristu Qassis il-Kbir kollu ħniena

24 P. Gabriele M. Allegra ofm Beatu Ġdid għall-Ordni Franġiskan u għall-Knisja

32 'Il-Lhud' fl-Evanġelju skont San Ġwann

42 Fidi-Fiduċja u Fidi-Dak li nemmen

42



# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



**KURŻITAJIET**

**ĠODDA FL-ART**

**IMQADDSA**

Fid-19 ta' Ottubru, fis-Sala Marconi tar-Radio Vaticana, ġiet ippreżentata b'mod uffiċjali l-konklużjoni tar-riċerka li saret minn grupp ta' esperti tal-Consiglio Nazionale delle Ricerche ta' diversi universitajiet fl-Italja rigward is-siġar taż-żebbuġ fil-Ġnien tal-Ġetsemani. Flimkien mal-Patri Kustodju, Pierbattista Pizzaballa, ħadu sehem fil-preżentazzjoni Patri Massimo Pazzini, Dekan tal-iStudium Biblicum Franciscanum ta' Ġerusalemm, il-professur Giovanni Gianfrate, koordinatur tal-proġett, agronomu u espert tal-istorja taż-żebbuġ fil-Mediterran, u l-professur Antonio Cimato, koordinatur tar-riċerka xjentifika.

L-iskop ta' dan l-istudju kien li wieħed jasal kemm jista' jkun fil-qrib tal-verità dwar is-siġar taż-żebbuġ fil-Ġetsemani, li jfakkru l-post li fih Kristu talab fl-agunija. Fil-fatt, fil-Ġnien ta' maġenb il-Bażilika tal-Agunija, il-Franġiskani jħarsu tmien siġriet taż-żebbuġ antikissimi, li jidhru li ilhom hemm sekli. Imma kemm ilhom hemm? L-istudji tal-esperti kkonkludew li s-siġar kif narawhom illum imorru lura għal nofs is-seklu 12, jiġifieri għal żmien il-Kruċjati, li kienu reġgħu bnew il-Bażilika tal-Agunija fuq il-fdalijiet ta' knisja Biżantina. Is-snin kienu bejn l-1150 u l-1170. Jiġifieri dawn is-siġar għandhom qrib id-900 sena.

Naturalment dan ifisser li mhumiex is-siġar taż-żebbuġ ta' żmien Ġesù. Minkejja dan, iżda, ta' min jinnota li l-istudjużi kienu qed jitkellmu dwar il-parti, hekk imsejħa,

*...editorjal*

*Kurżitajiet Ġodda fl-Art Imqaddsa*



*epigea*, tas-siġar (il-parti li tidher fuq il-ħamrija). L-esperti qalu li s-siġra taż-żebbuġ ixxenxel għeruq fondi ħafna, u l-parti taħt il-ħamrija tista' tkun ħafna eqdem, anke għaliex hi siġra li għandha kapaċità li tiġġenera lilha nnifisha aktar minn darba matul sekli twal. Mhux biss, imma mill-eżami tad-DNA tas-siġar irriżulta li dawn għandhom profili ġenetiċi identiċi, jiġifieri huma mnisslin mill-istess siġra-omm, siġra li setgħet kienet teżisti f'dan il-ġnien għal sekli sħaħ qabel l-era Kruċjata. Dan ifisser allura li mhux diffiċli li naslu għal siġar taż-żebbuġ f'epoka Biżantina, ftit sekli biss bogħod minn żmien Kristu.

Patri Pizzaballa spjega li dawn l-istudji naturalment ma għandhomx l-iskop li jmissu t-tradizzjoni ta' devozzjoni li l-insara dejjem taw lil dawn is-siġar bħala tifkira ħajja tal-agunija tal-Mulej fil-Ġetsemani. Issa nistgħu ngħidu li, dak li konna nafuh dejjem, jiġifieri li dawn is-siġar ma jistax ikun li kienu ta' żmien Ġesù kif jidhru llum, jikkonferma l-verità tal-fatt li l-insara dejjem ikkurawhom b'għożża partikulari, u riedu li b'xi mod ikunu mnisslin minn siġar eqdem minnhom. Din hi prova li ssaħħaħ u mhux iddgħajjef it-tradizzjoni tal-Ġetsemani.

Il-kontinwità tat-tradizzjoni devozzjonali tal-Knisja ta' Ġerusalemm hi importanti, kif hi importanti t-tradizzjoni tal-agrikoltura fil-Palestina li taf b'każijiet simili ta' siġar taż-żebbuġ li jmorru lura sekli sħaħ u li kienu jiġu riġenerati f'rimjiet ġodda bl-istess kostituzzjoni ġentika tas-siġra-omm.

Nhar it-8 ta' Novembru, waqt il-ftuħ uffiċjali tas-sena akkademika tal-iStudium Biblicum Franciscanum, saret konferenza oħra dwar din it-tema interessanti mill-professur Gianfrate, quddiem il-professuri u l-istudenti li jattendu l-Fakultà tax-Xjenzi Bibliċi u Arkeoloġija f'Ġerusalemm.

Kurżità oħra li tinteressa l-pellegrini hi l-futur tal-kumpless taċ-Ċenaklu, il-post li fih infakkru l-aħħar ċena, id-dehra ta'

Kristu Irxoxt lill-appostli nhar Ħadd il-Għid, u l-inżul tal-Ispirtu s-Santu nhar Pentekoste. Għal diversi snin in-negozjati delikati bejn is-Santa Sede u l-Istat ta' Israel biex dawn jaslu għal ftehim finali u konkordat kienu jinkludu wkoll il-kwestjoni taċ-Ċenaklu, li l-Franġiskani kellhom fih l-ewwel kunvent tagħhom bħala Kustodji tal-Art Imqaddsa (1333-1551), u minn fejn tkeċċew mit-Torok Ottomani. Il-Franġiskani qatt ma ċaħdu għad-dritt tagħhom li jiksbu lura l-proprjetà leġittima u sħiħa tagħhom fiċ-Ċenaklu.

Għalkemm din ir-rivendikazzjoni se tkun tassew diffiċli li ssir realtà, għax il-Lhud iqimu l-qabar ta' David taħt iċ-Ċenaklu u l-kunvent tal-Franġiskani ġie mibdul f'sinagoga u yeshiva rabbinika, li tinkludi fiha mużew tal-Olokawst, hemm xi sinjali li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa se tingħata l-possibilità li tkun tista' tamministra l-kamra ta' fuq taċ-Ċenaklu, flimkien mal-kamra tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu, biex fiha jiġu organizzati ċelebrazzjonijiet solenni u uffiċjali (inkluża l-Ewkaristija) u l-pellegrini jkunu jistgħu wkoll jagħmlu fih iċ-ċelebrazzjonijiet tagħhom. Sal-lum il-ġurnata dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jsiru fil-knisja tal-Franġiskani li tmiss maċ-Ċenaklu, imsejħa Cenacolino, fejn il-Kustodja għandha wkoll kunventin li issa qed tirrestawrah biex ikun jista' jaqdi aħjar l-iskop li l-Franġiskani jirritornaw biex iħarsu ċ-Ċenaklu.

Bħal ħafna sitwazzjonijiet oħrajn fl-Art Imqaddsa l-iżviluppi ġodda jieħdu xhur u snin twal biex iseħħu. Imma l-Franġiskani huma mdorrijin jistennew, kif għamlu għal sekli sħaħ biex akkwistaw bis-sabar kollu diversi santwarji li kienu abbandunati. Kulma jiġri fl-Art Imqaddsa rridu narawh dejjem fil-kuntest tal-istorja twila u kkumplikata tal-preżenza Kristjana fil-Postijiet tal-Fidwa, li kienet possibbli grazzi għall-isforzi u s-sagrifiċċji li l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa għamlu biex jibqgħu sodi u determinati li s-Santwarji tal-Fidwa jibqgħu miftuħin bħala postijiet ta' talb u pellegrinaġġ u bħala xhieda tal-preżenza Nisranija fl-Art Imqaddsa.

***Il-Bord Editorjal jawgura s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha***



# FORTIZZI ERODJANI FID-DEŻERT: HERODION

**_Noel Muscat ofm_**

Ir-reġjun madwar Betleħem hu mimli tifkiriet li jmorru lura għall-ewwel sekli tal-era Kristjana. L-aktar tifkiriet importanti ġew konservati fil-preżenza ta' għolja fortizza-palazz tas-sultan Erodi l-Kbir, imsejħa appuntu Herodion, u f'dik ta' diversi monasteri fid-Deżert tal-Lhudija li jifred lil Betleħem mill-Baħar il-Mejjet. Sa mill-qedem id-deżert kien post

ipprivileġġjat fejn ixxetlet u kibret il-ħajja eremitika u monastika. Sal-lum il-ġurnata r-reġjun madwar Betleħem għadu mimli monasteri importanti, li huma l-espressjoni tax-xewqa tal-bniedem li jfittex lil Alla fis-solitudni u l-ħemda. Ħafna minn dawn il-monasteri twaqqfu fis-sekli 4 u 5, jiġifieri fi żmien il-Biżantini. Hawnhekk insemmu żewġ monasteri importanti fir-reġjun ta' Betleħem, u mbagħad ngħaddu biex nitkellmu aktar fit-tul dwar il-fortizza ta' Herodion.

## San Teodosju u Mar Saba

Il-Monasteru ta' San Teodosju, magħruf mill-Għarab tal-post bħala Dejr Ibn Ubeidiyeh, ġie mwaqqaf fis-sena 476 minn San Teodosju tal-Kappadoċja, fuq għar fejn, skont it-tradizzjoni, il-Maġi waqfu biex jistrieħu huma u sejrin lura lejn pajjiżhom, wara li kienu ġew imwissija mill-anġlu biex ma jmorrux lura għand Erodi. Teodosju miet fis-sena 520 u ndifen fil-Għar tal-Maġi, li fuqu nbniet il-knisja tal-monasteru. Wara li din inqerdet mill-Persjani fis-sena 614 u ġiet abbandunata għal ħafna sekli, il-monasteru reġa' nbena fl-1898 u fih joqogħdu rħieb Griegi Ortodossi.

Il-Monasteru ta' Mar Saba ġie mwaqqaf minn San Saba tal-Kappadoċja, dixxiplu ta' San Ewtimju († 474). Saba ġabar madwaru numru ta' anakoreti (eremiti) li kienu jgħixu fid-Deżert tal-Lhudija. Hu mar joqgħod fl-għerien li jagħtu għal fuq Wadi Nar, jew il-Wied tal-Kedron, xi 15-il kilometru bogħod minn Betleħem, nofs triq bejn Ġerusalemm u l-Baħar il-Mejjet. Fis-sena 491 Salustius, Patrijarka ta' Ġerusalemm, obbliga lil Saba biex jaċċetta li jkun ordnat u jsir Abbati tar-rħieb tad-deżert. Saba għex f'dan il-monasteru sa ma miet fis-sena 532. Meta l-Persjani invadew il-monasteru fis-sena 614 huma qatlu l-monaċi kollha. Il-monasteru, iżda, kompla jiżviluppa imma ta' spiss kien jiġi attakkat mit-tribujiet Għarab wara l-invażjoni Musulmana tal-Art Imqaddsa. Din hi r-raġuni għaliex inbena forma ta' fortizza bit-torrijiet, kif għadu jidher sal-lum. Wara t-tmiem tar-Renju Kruċjat il-monasteru ġie abbandunat sakemm ġie rrestawrat fl-1840 mir-Russja u mogħti lir-rħieb Griegi Ortodossi.

Il-monasteru hu mħares mit-Torri tan-Nisa, li hu post ta' osservazzjoni. Jissejjaħ hekk għax in-nisa jistgħu jaraw il-monasteru biss minn dan il-post u ma jistgħux jidħlu fih. Il-bieb prinċipali hu protett mit-Torri ta' Ewdoċja u l-Oratorju ddedikat lil San Xmun l-Istilita. Mill-bieb ewlieni wieħed jinżel fil-bitħa prinċipali tal-monasteru, fejn isib kappella ċkejkna tonda mibnija fuq il-Qabar ta' San Saba. Fl-istess bitħa hemm il-Kappella ta' San Nikola, mħaffra fil-blat, li fiha hemm ir-relikwi ta' 40 monaċi li mietu mmassakrati bħala martri matul l-invażjoni tal-Persjani. Il-knisja prinċipali tal-monasteru hi binja antika ħafna. Fiha Ikonostasis mill-isbaħ u tħares fiha r-relikwi ta' San Saba, li reġgħu ttieħdu lura f'dan il-post

b'ordni tal-Papa Pawlu VI fl-1965, wara li kienu ttieħdu l-Italja fi żmien il-Kruċjati. Hemm ukoll ir-relikwi ta' San Ġwann Damaxxenu (676-749), li għex fil-monasteru. Terrazzin barra mill-knisja jagħtik dehra panoramika tal-Wied ta' Kedron. Minn hemm fuq għandek veduta mill-isbaħ tal-fortifikazzjonijiet tal-monasteru kif ukoll tad-diversi għerien imħaffrin fl-irdumijiet tal-Wadi Nar fid-deżert u li kienu jservu bħala ċelel tal-eremiti u rħieb.

## Il-Fortizza ta' Herodion

Xi 15-il kilometru lejn in-nofsinhar ta' Ġerusalemm u qrib ta' Betleħem hemm il-Fortizza tal-Herodion, li tidher bħala għolja forma ta' lembut maqlub, li tasal għal 758 metru. Dan is-sit kien wieħed mill-fortizzi-palazzi li Erodi l-Kbir bena fid-Deżert tal-Lhudija, u li kien jinkludu Masada, Alexandreion, u Machaerus (Makeronte) fuq in-naħa l-oħra tal-Baħar il-Mejjet, fil-Ġordanja.



*Dehra tal-Fortizza*

Skont l-istoriku Josephus Flavius l-Herodion inbena biex ifakkar ir-rebħa ta' Erodi fuq l-Asmonej u l-Parti fis-sena 40 QK. Hawnhekk Erodi bena mawsolew għalih u Josephus jiddeskrivi l-funeral solenni ta' Erodi li ndifen fil-parti ta' isfel tal-fortizza li ġġib ismu. Il-fortizza nqerdet mir-Rumani fis-sena 71 WK, wara li kienet serviet bħala post ta' kenn għar-ribelli fl-ewwel rewwixta tal-Lhud. L-ewwel skavi tal-Herodion saru mill-arkeologu Franġiskan Patri Virgilio Corno fis-snin 1962-1967. Mill-1972 saru skavi oħrajn fil-belt li hemm taħt il-fortizza.

Il-fortizza ta' Herodion għandha forma tonda u fiha erba' torrijiet. Il-fortizza kienet serviet ukoll bħala kenn waqt ir-rewwixta ta' Bar Kokhba fis-snin 132-135 WK. Wara li r-Rumani qerduha r-rovini saru abitazzjonijiet għal monaċi fl-epoka Biżantina. Mal-wasla tal-Għarab il-fortizza ġiet mill-ġdid abbandunata. Il-fortizza, mibnija fuq din l-għolja, hi mimlija passaġġi sigrieti u mini li Erodi kien ħaffer, u li tkomplew jitħaffru mir-ribelli ta' żmien Bar Kokhba. Diversi minn dawn il-passaġġi jwassluk għal ċisterni enormi biex fihom jiġi maħżun l-ilma tax-xita.



Il-belt li testendi ruħha taħt il-fortizza, magħrufa bħala Herodion ta' isfel, hi kkaratterizzata mill-fdalijiet ta' pixxina enormi u palazz mill-isbaħ, kif ukoll fiha triq irjali u trijonfali li nbniet biex twassal għall-mawsolew ta' Erodi. L-arkeologu Israeljan Ehud Netzer, li miet waqt li kien qiegħed jiskava fl-Erodion fil-25 ta' Ottubru 2010, iddikjara li hu kien sab il-qabar ta' Erodi fil-fdalijiet ta' sarkofagu vojt li hu skopra f'dan is-sit fis-sena 2007.

## Ix-xhieda ta' Josephus Flavius

Fl-opra tiegħu *Il-Gwerer tal-Lhud*, l-istoriku Josephus Flavius jitkellem dwar il-Fortizza tal-Herodion fil-kapitlu 13, paragrafu 8: "Herodion inbniet fuq il-post li fih Erodi kien iġġieled battalja importanti, fis-sena 40 (q.K.) meta hu kien qiegħed jirtira lejn Edom mid-Deżert tal-Lhudija. Erodi u l-familja tiegħu kienu qegħdin jaħarbu mill-Parti (mill-Persja) u l-alleat Asmonew tagħhom, Mattew Antigonus. Il-battalja seħħet qrib Tekoa, ftit distanza mill-Herodion. Din ir-rebħa immarkat svolta għal Erodi: ir-Rumani apprezzaw il-kapaċitajiet tiegħu u l-lealtà tiegħu lejhom, kif ukoll l-għajnuna li missieru kien ta lil Ġulju Cesari matul l-assedju ta' Lixandra (47 q.K.). Ottavjanu (Awgustu) laqgħu f'Ruma u tah ġieħ kbir, wara li l-Parti kienu rtiraw lejn il-Persja f'dik is-sena (40 q.K.). Marku Antonju talab lis-Senat biex jiddikjarah Sultan tal-Lhud. Fil-post li fih Erodi kien sawwat u qatel numru kbir minnhom (Parti), wara hu bena kastell, b'tifkira tal-għemejjel kbar ta' ħila li wettaq hemmhekk. Hu żejjen il-kastell b'palazzi mill-aktar għonja, u bena fortifikazzjonijiet qawwija, u semma' l-fortizza b'ismu stess, Herodium."

Rigward il-funeral solenni ta' Erodi, Josephus Flavius iġib dan ir-rakkont fil-kapitlu 33 tal-*Gwerer tal-Lhud*, par. 9: "Wara dan huma ħejjew ruħhom għall-funeral tas-sultan. Arkelaws ma ħalla barra xejn mis-sbuħija għall-okkażjoni, imma


*Dehra tal-Herodion*

ħareġ l-ornamenti kollha rjali biex iżid il-pompa ta' dak li kien miet. Intuża tebut kollu tad-deheb, li kien imdawwar minn ħaġar prezzjuż. Ġewwa kien fih sodda tal-porpra vjola, li fiha kien hemm il-ġisem mejjet imgeżwer fil-porpra vjola; kellu dijadema fuq rasu u fuqha mbagħad kuruna tad-deheb, u xettru f'idu l-leminija. Maġenb it-tebut kienu jinsabu wlied Erodi, u l-kotra tal-qraba tiegħu. Imbagħad kien hemm il-gwardja tiegħu, ir-reġiment tat-Traċji, il-Ġermaniżi u l-Galli, bħallikieku kienu kollha sejrin għall-gwerra. Quddiem nett imxiet l-armata kollha, wara l-kaptani u l-uffiċjali b'mod regolari. Warajhom imxew ħames mitt qaddejja u rġiel liberi, li kienu jġorru f'idejhom fwejjaħ. Il-ġisem inġarr għal distanza kbira lejn l-Herodium, fejn is-sultan kien ta ordni li kellu jindifen. Dan kollu hu biżżejjed biex nikkonkludu l-ħajja ta' Erodi."

## Żjara lill-Fortizza tal-Herodion

Id-daħla tal-Fortizza tal-Herodion tinsab fuq ix-xaqliba tal-grigal tal-għolja. Wieħed kien jitla' l-għolja minn sensiela ta' turġien minn barra, u mbagħad kien jgħaddi taħt il-ħitan f'kurridur bl-arkati. It-taraġ kien jikkonsisti f'mitejn għatba tar-rħam, li llum m'għadhomx jeżistu. Josephus (*Gwerer tal-Lhud*, 1, 21:10) jgħid li Erodi "bena daħla fit-telgħa tal-fortizza li kienet tikkonsisti f'mitejn tarġa tar-rħam mill-aktar bajdani, għax l-għolja nnifisha kienet tintrefa' mhux ħażin mir-reġjun ta' madwarha." It-taraġ kien jibda mill-belt inferjuri, u kien jintemm wara d-daħliet fil-ħitan interni tal-Fortizza, fil-bitħa li hemm fiċ-ċentru tagħha.

Il-pjanta tal-Fortizza hi waħda tonda. Hi mibnija kollha kemm hi minn ġebel minġur, u għandha disinn uniku. Fil-fatt, kif għidna, il-binja hi tonda, u fiha erba' torrijiet tondi fuq kull direzzjoni tal-kumpass. Tlieta minn dawn it-torrijiet joħorġu barra mill-ħitan ta' barra li jdawwar il-Fortizza, u huma maqsumin fi kmamar u diversi livelli. Il-ħajt doblu għandu djametru ta' 63 metru u hu 35 metru fond fil-bitħa ċentrali. Fil-fatt il-ħitan kienu nbnew għoljin ħafna fuq il-quċċata tal-għolja u mbagħad fuq barra nxteħtet quddiemhom kwantità kbira ta' ħamrija u ġebel, li tagħti l-impressjoni li l-għolja għandha forma ta' lembut maqlub, qisha vulkan. Il-bitħa interna tidher qisha krejter ta' dan il-vulkan bis-swar u t-torrijiet li jduru magħha dawramejt.

Josephus kiteb (*Gwerer tal-Lhud*, 7, 6:1): "Erodi bena ħajt madwar il-quċċata tal-għolja, u bena torrijiet fuq kull tarf li kienu għoljin mija u sittin kubiti. F'nofs l-għolja hu bena l-palazz, b'mod mill-aktar maestuż, li fih diversi binjiet kbar u mill-isbaħ."

Malli wieħed jasal fuq il-quċċata tal-għolja jilmah dehra stupenda fid-daħla tal-Fortizza. Fuq ix-xellug hemm it-torri tal-lvant, u taħtu fiċ-ċentru jara l-bitħa kbira tal-Fortizza. Faċċata tiegħu hemm it-torri tan-nofsinhar flimkien mal-ħitan, filwaqt li

t-torri tal-punent jidher fuq il-lemin.

Id-dehra stupenda mill-għolja tgħin biex wieħed jifrex il-ħarsa tiegħu lejn il-Wied tal-Baħar il-Mejjet u d-Deżert tal-Lhudija. Ftit bogħod mill-għolja wieħed jilmaħ ir-raħal ta' Tekoa, li kien il-post tat-twelid tal-Profeta Għamos. Tidher ukoll il-belt ta' Betleħem ftit kilometri bogħod, u fi ġranet ċari tidher tajjeb ukoll l-Għolja taż-Żebbuġ u Ġerusalemm.

Mix-xifer tal-ħitan li fuqhom wieħed jitla' hemm, lejn il-lemin, rampa li tniżżlek fil-bitħa ċentrali tal-Fortizza, imħaffra fil-qiegħ tal-krejter. Meta Erodi bena l-Fortizza, fuq ix-xaqliba tal-lbiċ tal-bitħa kien hemm sala li kienet tintuża bħala sala tal-pranzijiet u l-festi. Meta l-Fortizza mbagħad ittieħdet miż-Żeloti matul l-ewwel rewwixta tal-Lhud (66-70 w.K.) din is-sala nbidlet f'Sinagoga. Is-sala sinagogali hi magħmula minn kamra mdaqqsa, li għandha bankijiet tal-ġebel fuq tliet naħat u kolonni li kienu jwieżnu s-saqaf.

Iż-Żeloti kienu żiedu wkoll banju ritwali (Mikveh) fil-bitħa bħala parti mir-rit ta' purifikazzjoni qabel ma wieħed jidħol fis-Sinagoga. Għadu jidher dan il-banju ritwali b'mod ċar u bit-taraġ li kien iniżżel lil dak li jkun fil-pixxina.

Fuq ix-xaqliba tal-majjistral tal-bitħa hemm il-fdalijiet ta' banjijiet Rumani (Terme). Il-kumpless fih diversi kmamar, fosthom banju sħun li kien hemm f'kamra tonda b'koppla interessanti li hi fost l-eqdem li nstabu fl-Art Imqaddsa. Hemm ukoll il-fdalijiet tal-banju kiesaħ u l-kamra tad-daħla tal-banjijiet.

Fil-bitħa, qrib it-torri tal-lvant, hemm taraġ li jinżel fiċ-ċisterni Erodjani tal-1 seklu u fil-mini li ħaffru ż-Żeloti ta' żmien Bar Kokhba fit-2 seklu. Dawn jinsabu barra mill-ħitan taħt ix-xaqliba tal-grigal tal-għolja.

Erodi bena daħliet sigrieti mill-għolja għal dawn iċ-ċisterni li jinsabu fuq ix-xaqliba tal-grigral. Josephus Flavius hekk jiddeskrivi l-ħażna tal-ilma tal-Herodion fil-*Gwerer tal-Lhud*, 7, kap. 6, par. 1: "Erodi wkoll ħaffer bosta ġwiebi biex jilqgħu fihom l-ilma tax-xita, sabiex ikun hemm kwantità ta' ilma għal kull ħtieġa." Dan il-metodu tal-ħażna tal-ilma kien komuni fil-fortizzi Erodjani kollha li rajna, u kienet biċċa xogħol ta' inġinerija mill-aktar sofistikata li kienet tiggarantixxi ħażna kostanti ta' ilma waqt assedju wkoll f'dawn iż-żoni tad-deżert fejn ix-xita hi rari ħafna.

Id-diversi mini li huma mħaffrin fil-qalba tal-għolja kienu tħaffru mir-ribelli Sikari u Żeloti ta' żmien it-tieni rewwixta tal-Lhud, dik ta' Bar Kokhba (132-135 w.K.). Huma ħaffru sensiela ta' mini u turġien li kienu wkoll iwasslu għall-ħażniet tal-ilma li kien bena Erodi, biex fihom huma kienu jistgħu jinħbew filwaqt li jkollhom proviżjon tal-ilma dejjem frisk għall-ħtiġijiet tagħhom.

Wieħed jerġa' joħroġ fuq il-għolja minn bieb ta' waħda miċ-ċisterni. Meta jerġa' jibda nieżel lejn ix-xaqliba tal-punent jintebaħ li mal-ġenb tat-trejqa

hemm gzuz ta' ġebel tond li kienu ċertament jintużaw bħala balal. Ma nafux jekk dawn il-ġebliet kinux tqiegħdu hawnhekk mid-difensuri tal-Fortizza biex jattakkaw lir-Rumani.

## Il-belt inferjuri ta' Herodion

Il-belt inferjuri tinsab taħt il-Fortizza tal-Herodion fuq ix-xaqliba tal-majjistral. Il-belt inferjuri kienet il-post fejn kien hemm l-uffiċċji ta' din il-kapitali distrettwali, kif ukoll diversi strutturi ta' palazzi u kmamar irjali għall-viżitaturi u l-mistednin irjali ta' Erodi. Il-belt kienet ukoll tinkludi ġnien Ruman u saħansitra għadira kbira tal-ilma li għadha tidher b'mod ċar minn fuq l-għolja. Il-belt kienet testendi ruħha aktar 'l hemm mit-triq moderna, u kellha wkoll kumpless ieħor ta' banjijiet pubbliċi u bini importanti ieħor.

Iż-żona ċentrali tal-belt kienet l-għadira enormi li kienet imdawra minn kolonni fuq l-erba' naħat, li ħafna minnhom għadhom jidhru. Din iż-żona kienet tinsab f'nofs ġnien kbir Ruman li kellu siġar imħawlin. L-għadira (70 metru twila, 40 metru wiesgħa u 4 metri fonda) kienet isservi wkoll bħala ħażna enormi ta' ilma. Kienet tirċievi l-ilmijiet tagħha mill-għejun ta' Artas qrib Betleħem, permezz ta' akwedott. F'nofs l-għadira għadu jidher il-fdal ta' binja li kellha xi kolonni madwarha.

Fuq in-nofsinhar tal-għadira kien hemm binja monumentali (130 metru b'55 metru) li fiha kienet tinkludi l-palazz inferjuri u l-uffiċċji rjali. Kien f'din iż-żona li l-arkeoloġi ppruvaw ifittxu l-qabar tas-Sultan Erodi.

Fit-tfittxija tal-qabar monumentali l-arkeoloġi mill-ewwel eskludew il-quċċata tal-għolja, għax dak kien ifisser li l-Fortizza kienet issir impura skont il-liġi Lhudija li l-ebda dfin ma seta' jsir f'żona abitata. Fuq il-bażi ta' dak li jgħid Josephus Flavius dwar il-funeral rjali, l-arkeoloġi kkonċentraw it-tfittxija tagħhom fil-belt inferjuri. Imma kien ta' xejn għax ma nstabu l-ebda fdalijiet ta' oqbra hemmhekk. Għaldaqstant l-arkeoloġi bdew iħaffru mal-ġenb tal-għolja.

Fuq ix-xaqliba tal-grigal



*Il-belt inferjuri tal-Herodion bil-pixxina kbira ċentrali*

tal-Fortizza sabu taraġ li kien jgħaqqad il-belt inferjuri mad-daħla prinċipali tal-Fortizza. L-arkeoloġi bdew ifittxu għall-qabar ta' Erodi matul dan it-taraġ.

Fis-sena 2007 huma skoprew binja monumentali. Skont is-sejbiet tagħhom ikkonkludew li dan kien il-qabar tas-Sultan Erodi, li kien ġie mfarrak miż-Żeloti li kienu jobogħdu lil Erodi minħabba l-ħbiberija li kien wera lejn ir-Rumani. Imma, meta ġew biex ifittxu l-ġisem ta' Erodi, indunaw li dan kien ġie midfun f'kamra oħra u li din il-binja allura kienet biss parti mill-kumpless funerarju mibni minn Erodi.

Fis-sena 2008 huma kixfu parti mix-xaqliba tal-punent tat-taraġ u skavaw hemmhekk. Skont il-kalkoli ta' Ehud Netzer dan kien parti mill-kamra funerarja li fiha kien ġie midfun Erodi. Għalkemm din l-aħbar ġriet mad-dinja kollha, fil-fatt ma nstab xejn aktar. Sadanittant Netzer laħaq miet traġikament proprju f'dan is-sit arkeoloġiku, u t-tiftix għadu għaddej sal-lum.



*Banju Termali fuq l-Herodion*



# ĦARSA ĠENERALI LEJN L-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

***Fr Charles Buttigieg***

*"Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li ma humiex imniżżla f'dan il-ktieb. Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu."*

*(Ġw 20 :30-31)*

## L-Awtur tar-Raba' Evanġelju

L-awtur tar-raba' evanġelju huwa Ġwanni l-appostlu, huwa meqjus bħala d-dixxiplu l-maħbub ta' Ġesù u dan għaliex kien għadu żagħżugħ meta ġie msejjaħ minn Kristu u għalhekk forsi kellu bżonn ta' attenzjoni partikulari. Kien sajjied flimkien ma' ħuh Ġakbu u missieru Zebedew. Kien imqabbad minn Ġesù biex flimkien ma' Pietru jipprepara għall-aħħar ċena. L-uniku wieħed mill-appostli kollha li baqa' preżenti fil-ġrajja tal-Passjoni fejn minn fuq is-salib Ġesù jafdalu lill-Madonna bħala ommu. Flimkien ma' Pietru mar jiġri ħdejn il-qabar ta' Kristu. Kien appostlu prominenti fil-bidu tal-Knisja. Huwa ppriedka fis-Samarija, fil-Greċja u fl-Asja Minuri, jiġifieri fit-Turkija tal-lum b'mod partikulari ġewwa l-belt importanti ta' Efesu fejn illum hemm fdalijiet ta' bażilika li kienet iddedikata proprju lilu. Flimkien mar-raba' evanġelju, kiteb tliet ittri u l-Apokalissi. Miet f'età avvanzata ħafna, ġewwa Efesu madwar is-sena 100 W.K. Huwa ċert li ma mietx martri.

## Ir-Raba' Evanġelju

Ir-raba' evanġelju huwa differenti mill-evanġelji sinottiċi, jiġifieri dak ta' San Mattew, San Mark u San Luqa. Per eżempju fl-evanġelju nsibu seba' mirakli ta' Ġesù li għalihom San Ġwann juża dejjem il-kelma griega 'semeion' li tfisser 'sinjal' u mhux 'dynamis' li tfisser att ta' qawwa kif insibu fis-sinottiċi: "Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih" (Ġw 2:11). Is-'sinjal' insibuh kontinwament fl-evanġelju tiegħu u jittraduċi l-ebrajk 'hot' li jinsab f'Eżodu 3:11-12, Imħ 6:17-18 u 1 Sam 10:1-7. Il-kelma 'semeion' turi garanzija ta' missjoni, 'sinjal' li għandu karattru messjaniku u sens eskatoloġiku. Il-kelma hija marbuta mas-sinjali li twassal għall-fidi sabiex nagħrfu l-messjaniċità ta' Kristu: "Il-qassisin il-kbar u l-Fariżej laqqgħu s-Sanhedrin u l-kunsill u qalu: "X'sejrin nagħmlu? Għax dan il-bniedem jagħmel ħafna sinjali" (Ġw 11:47).

Fih hemm ukoll seba' diskorsi twal ta' Ġesù u jiddedika nofs l-evanġelju għad-deskrizzjoni tal-Passjoni tal-Mulej, fil-fatt l-ewwel parti minn kap 1 sal-kap 12, hija magħrufa bħala l-ktieb tas-Sinjali, fejn fiċ-ċentru ta' din il-parti nsibu l-kapitlu dwar l-Ewkaristija, il-kapitlu sitta; u t-tieni parti mill-kap 13 sal-21 bħala l-Ktieb tal-Glorja, għall-Passjoni tal-Mulej fejn naraw l-ikbar siegħa (bil-grieg: hora) tal-glorja ta' Bin il-Bniedem fuq is-salib, iċ-ċentru ta' din il-parti jkun il-kapitlu 17 fejn għandna t-talba Saċerdotali ta' Ġesù lill-Missier. Inkiteb għas-snin 90 u 100 W.K., jiġifieri għall-aħħar tal-ewwel seklu, saħansitra hemm min jgħid wara l-Apokalissi u għalhekk aktarx wieħed mill-aħħar kotba ispirati tat-T.Ġ. San Ġwann jikteb l-evanġelju lill-komunità ta' Efesu li kellha l-influss

qawwi tal-kultura griega u ellenistika, magħrufa bħala belt kapitali ċivili tal-Asja Prokonsulari, u fejn hu għadda l-aħħar snin ta' ħajtu. Għalhekk Efesu huwa l-post l-aktar probabbli li nkiteb l-evanġelju. Għalhekk huwa importanti li wieħed ikun jaf l-kuntest storiku u filosofiku ta' Efesu, imżejna b'kultura ta' filosfi kbar griegi bħal: Platun, Aristotile, Epikretu u filosofi Stojċi. F'kultura u żmien fejn l-injostiċiżmu bid-diversi forom tiegħu kien fl-aqwa tiegħu. Iżda minkejja dan kollu, San Ġwanni ma jiġix influwenzat minn dawn.

Raymond Brown, biblista magħruf b'mod partikulari għall-kummentarju bibliku dwar l-evanġelju ta' San Ġwann, isostni li l-ewwel għajn għal San Ġwann huwa l-A.T. Insemmu hawnhekk bħala eżempju s-simbolu tat-tinda tad-deżert (ara 1:14: "u għammar fostna" li litteralment bil-grieg oriġinali miktuba: « waqqaf il-għarix tiegħu fostna »), f'kap 3 fid-djalogu ma' Nikodemu għandna s-serp tal-bronz, il-manna f'kap 6 fid-diskors tal-Ewkaristija, l-ilma tal-blata f'kap 7 fl-okkażjoni tal-festa tal-Għerejjex, u nkomplu nsemmu: il-ħaruf tal-għid, ir-ragħaj it-tajjeb, il-glorja ta' Alla (bil-lhudi: kavod, bil-grieg: doxa), għandna riferenza ukoll għall-profetiżmu u s-salmi.

L-Evanġelju miktub bil-grieg, għandu komposizzjoni griega, b'influwenzi ta' aramajiżmu u ebrajiżmu (kliem bil-grieg li hu translitterazzjoni ta' kliem aramajk jew ebrajk). Dawn kollha jkomplu jagħmluh differenti mis-sinottiċi. Per eżempju t-terminu grieg 'kosmos', 'dinja' jinsab f'San Ġwann l-iktar (it-terminu 'dinja' huwa terminu ġovannej per eċċellenza u fil-Ġ.T. jinsab 185 darba, fejn f'San Ġwann insibuh 105 darba), waqt li t-termini griegi sinottiċi bħal 'basilea' għas-saltna u 'parabole' għall-parabbola huma rari f'San Ġwann. San Ġwann juża t-terminu grieg 'Logos' (bil-latin: Verbum) għal Kristu, sabiex il-komunità tagħraf li hu l-Iben ta' Alla u b'hekk jaqilgħu l-milja tal-ħajja (Ġw 20:21).

Rigward il-bidu tal-evanġelju, Boismard, jgħid li l-prologu għandu forma ta' innu u huwa stqarrija ta' fidi tal-ewwel insara. Fil-fatt l-evanġelju jibda bil-Prologu,



Innu Kristoloġiku mill-1:1-18. Huwa ħsieb għoli ħafna mqabbel mal-ġeneoloġija ta' Ġesù li nsibu f'San Mattew u San Luqa. F'San Ġwann għandna mela kristoloġija għolja u żviluppata dwar il-figura ta' Ġesù, infatti nsibu l-frażi 'Jiena hu' (bil-grieg: ego eimi) li fl-Antik Testment hija applikata biss għal Alla, Jaħweh kif naraw f'Eżodu 3:14. Iżda hija figura ta' Alla fostna, li jgħammar fostna. Fl-evanġelju naraw: Jien hu l-ħobż tal-ħajja (Ġw 6:35); Jiena hu d-dawl tad-dinja (Ġw 8:12); Jiena hu l-bieb tan-ngħaġ (Ġw 10:7 u 9), Jiena hu r-ragħaj it-tajjeb (Ġw 10:11 u 14), Jiena hu l-qawmien u l-ħajja (Ġw 11:25), Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja (Ġw 14:16) u Jiena hu d-dielja vera (Ġw 15:1). Insibu wkoll it-tislima ta' Ġesù 'il-paċi magħkom' (Ġw 20:19), fejn San Mattew juża: "Qawwu qalbkom. Jien hu. Tibżgħux" (Mt 14:27).

Insibu espressjonijiet identiċi ma' Qumran per eżempju l-korla ta' Alla, xhud tal-verità, ulied id-dwal u l-ħajja ta' dejjem.

Temi importanti huma l-fidi (bil-grieg: pistis) li għal San Ġwann il-verb 'temmen' (pisteuo) huwa espress bil-kelmiet: tara (bil-grieg: horao u teaomai), tilqa', xhieda (bil-grieg: martureo), kelma, tisma', dixxipulat, tibqa' u tħobb (bil-grieg: agapao). Għandna t-tema tal-ħajja (zoe) u l-mewt (tanatos). Dan id-duwaliżmu narawh ukoll fit-termini 'id-dawl u d-dlam', bil-grieg: 'phos u skotia'. 'Phos' insibuha 73 darba fil-Ġ.T., fejn f'San Ġwann biss insbuha 33 darba; 'skotia' 17-il darba fil-Ġ.T., fejn f'San Ġwann insibuha 14-il darba: "Jien hu d-dawl tad-dinja. Min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam imma jkollu d-dawl tal-ħajja." (Ġw 8:12).

Mela, l-evanġelju ta' San Ġwann huwa l-vjaġġ ta' Ġesù mill-Galilija għal Ġerusalemm, vjaġġ lejn il-glorja. Evanġelju li jirrifletti postijiet marbuta mal-komunità Ġovannea, liema postijiet ma nsibuhomx fl-evanġelji sinottiċi bħal: Betanja, Kana, il-Bir ta' Ġakobb, Golgota. Mela l-iskop tar-raba' evanġelju huwa biex idawwal l-għarfien tal-fidi u jqawwi qalb il-qarrejja li lilhom kien qiegħed jikteb.

## Il-figura ta' Ġesù skont San Ġwann

Għidna li l-kristoloġija li nsibu fir-raba' evanġelju hija waħda għolja, kif ifisser tajjeb is-simbolu tar-raba' evanġelju tal-ajkla. L-ajkla li tittajjar fil-għoli sabiex tara kollox minn fuq. Fl-Evanġelju ta' San Ġwann, il-figura ta' Ġesù tilħaq il-perfezzjoni tal-Kristoloġija,



Ġesù ta' Nazaret, il-Bniedem veru, hu ukoll Alla. Huwa jibda fil-fatt l-evanġelju tiegħu, kif rajna diġà bin-nota mill-iktar solenni tal-Prologu (1:1-18). Ipprezenta mill-ewwel lil Ġesù bħala Alla veru, l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier u bħala bniedem veru, il-Logos li nkarna, li ħa l-ġisem tal-bniedem u ġie jgħammar fostna (1:14). Dan hu mela Ġesù ta' Ġwanni, Alla u bniedem. Mhux bniedem li sar Alla jew li għamluh alla d-dixxipli tiegħu. Hu l-bniedem li, qabel ma ħa l-ġisem kien minn dejjem Alla. Ġesù t-Tieni Persuna tas-Santissima Trinità, huwa bniedem tassew u San Ġwann jenfasizza dan l-aspett uman ta' Ġesù, minħabba t-tagħlim qarrieqi tal-doċetisti li kienu jgħidu li Ġesù ma kellux ġisem veru bħal tagħna u għalhekk ċaħdu l-inkarnazzjoni vera u għalhekk it-tbatijiet ta' Ġesù fil-passjoni. Ġwanni jinqeda bil-kelma griega 'sarks' (laħam) biex jenfasizza b'qawwa aktar ir-realtà tal-ġisem uman ta' Ġesù. Ġesù hu l-Iben waħdieni ta' Alla, 'ho hyios' (1:18) u Alla veru. Naraw fl-aħħar tal-evanġelju l-istqarrija ta' Tumas: "Mulej tiegħi (Kyrios) u Alla tiegħi (Theos)!" (20:28).

Dan kien l-iskop li għalih kiteb San Ġwann: "Dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija, Bin Alla, 'ho huios tou Theou' (20:31). Din il-frażi jew aħjar dan it-titlu nsibuh 28 darba fl-evanġelju u 21 darba fl-ewwel ittra u darbtejn fit-tieni ittra tiegħu. L-artiklu huwa importanti (għandu valenza teoloġika importanti) għaliex jiddetermina li Ġesù biss hu l-Iben, hu l-Iben il-waħdieni ta' Alla, bil-grieg: monogenes, bil-latin: unigenitus. Ġesù li huwa ħaġa waħda mal-Missier (ara Ġw 5:18; 8:18;14:10), li kien mal-Missier sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja (Ġw 17:5) u li għandu l-istess glorja tal-Missier. "Qabel ma kien Abraham, jiena hu, 'ego eimi'" (Ġw 8:25). Biha afferma l-pre-eżistenza tiegħu sa minn qabel iż-żmien, għax hu kien 'fil-bidu' ma' Alla u hu nnifsu 'kien Alla' (Ġw 1:1). Għal Lhud, din li Ġesù kien qiegħed jatribwixxi għalih innifsu l-isem u d-dinjità ta' Alla, kienet l-akbar dagħwa u għalhekk qabdu l-ġebel biex iħaġġruh (Ġw 8:59).

## Biblijografija


ASHTON, J., *Studying John: Approaches to the Fourth Gospel*, New York 1995.

BARRET, C.K., *The Gospel according to St. John*, London 1970.

BROWN, R.E., *The Gospel according to John*, I, II, AB 29 – 29a, New York 1966.

CARDELLINO, L., "Leggere Giovanni", in *Bibbia e Oriente* 38 (1996) 129-201.

R.E. BROWN – J.A. FITZMYER – R.E. MURPHY (eds.), *The New Jerome Biblical Commentary*, London 1991.

PARINTER, J., *The Quest for the Messiah. The History, Literature and Theology of the Johannine Community*, Edinburgh 1993.

SCHNACKENBURG, R., *The Gospel According to St. John*, I /II, New York 1968, 1980.

SCHNEIDER, J., *Das Evangelium nach Johannes*, Berlin 1976.



# KRISTU QASSIS IL-KBIR KOLLU ĦNIENA

*Mons. Lawrenz Sciberras*

*"Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra d-dnub. Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu" (Lhud 4,15-16).*

Fil-kap 4,14 l-awtur tal-ittra lil-Lhud jikkonkludi l-kontemplazzjoni dwar Kristu gglorifikat dehen ta' fidi: "Mela meta aħna għandna l-qassis il-kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smewwiet, Ġesù, Bin Alla, ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha". Ġesù huwa l-Iben ta' Alla gglorifikat, issa li qam rebbieħ mill-mewt, għamel il-mogħdija vera, mimli fidi, mela aħna wkoll għandu jkollna fidi FIH. Fidi li ma tistax titqarraq għaliex mibnija fuq il-ġebla tax-xewka li huwa Kristu. Fil-vers ta' wara, l-awtur isemmi l-kwalità l-oħra saċerdotali. Naraw dan kemm huwa veru.

## Żewġ kwalitajiet saċerdotali fi Kristu

Kristu dehen ta' fidi għandu dritt għal fidi tagħna. Kristu ħanin iqanqal il-fiduċja sħiħa tagħna fiH. Kieku Kristu qassis il-Kbir kien biss fis-sema, aħna stajna niddubitaw u forsi nibżgħu wkoll nersqu LejH; u dan għaliex wisq 'il bogħod, kif ukoll niddubitaw li jifhimna. Iżda dan mhux hekk. Kristu huwa wkoll qassis ħanin, mimli għajnuna lejn il-midinbin; dejjem jixtieq li jgħinna! Huwa wieħed bħalna li libes l-umanità bħal dik tagħna.

L-awtur jippreżenta lil Kristu mimli sentimenti ta' ħniena lejn l-umanità. Din mhix kwistjoni ta' sentiment superfiċjali, imma hija kapaċità vera li Ġesù ġabha mill-esperjenza personali tat-tbatija tiegħu. L-awtur ried iwassalna biex nifmhu tassew kemm huwa meħtieġ li huwa stess ikun sofra! Ġesù jaf jagħder u jħenn għaliex huwa stess għadda u ġie ppruvat minn dan kollu. Sa minn twelidu, Ġesù ġarrab il-FAQAR, l-abbandun; wara ġarrab il-ġuħ, l-għatx, l-għeja, l-oppożizzjoni, il-kontrarjitajiet, it-tradiment, il-kundanna inġusta, u s-salib. Minħabba dan kollu, huwa akkwista kapaċità straordinarja biex iħenn u jagħder lil "ħutu" bnedmin.

## Nuqqas ta' mogħdrija u ħniena

Il-ħniena ta' Alla matul żmien it-Testment il-Qadim dehret f'diversi okkażjonijiet, però din kien jonqosha xi ħaġa: dik li l-ħniena tidher f'xi qalb ta' bniedem, li ġabha minħabba l-esperjenzi tat-tbatija. Kristu issa ta lil din il-ħniena ta' Alla dimensjoni differenti, waħda kommoventi u ta' konfort għalina l-bnedmin. Ħniena li tibnik quddiem kull kwalità ta' raġunar iebes ġej minn naħa tad-dinja.

Dejjem taħt dan l-aspett wieħed jista' jinnota differenza qawwija ma' ċerti drawwiet qodma dwar is-saċerdozju. Fit-Testment il-Qadim hemm ċerti ġrajjiet li jitolbu mill-qassis mhux le ħniena, imma severità u ħruxija fil-konfront tal-bniedem midneb, mela tal-bniedem għadu ta' Alla. It-T.Q. kien għad ma għandux b'mod sħiħ l-idea tas-saċerdot bħala medjatur ta' mogħdrija u ħniena, imma kien iħares biss lejh bħala wieħed marbut **esklussivament u biss mal-idea tal-kult.** Il-qassis kien imħasseb biss dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla. U sabiex jagħmel dan

kien hemm bżonn li l-qassis ikun **f'opposizzjoni deċisiva u ħarxa kontra l-midinbin.** Mill-ewwel daqqa ta' għajn dan jidher li kien loġiku. Imma ma setax ikun li fl-istess waqt tkun għal Alla u ma' Alla, kif ukoll mal-għedewwa tiegħu.

## Żewġ eżempji

Dan it-tagħrif ifakkarna fi ġrajja li qiegħda fil-ktieb ta' l-Eżodu proprju fil-mument tat-twaqqif tas-saċerdozju levitiku. Il-poplu telaq u waqa' fl-idolatrija tal-għoġol tad-deheb. Mosè niżel minn fuq is-Sinaj, u sejjaħ ħdejh lil dawk kollha li kienu fuq in-naħa ta' Alla. Resqu lejn Mosè l-Leviti kollha. F'dak il-waqt stess Mosè ordnalhom: "Ħa jieħu kull wieħed is-sejf tiegħu u jitħażżem bih. Aqsmu u erġgħu aqsmu l-kamp minn naħa għal oħra, minn bieb għal bieb u oqtlu kull wieħed, mqar lil ħuh, lil ħabibu, lil ġaru". (Eż 32,27). Din kienet ordni tassew bla qalb u ta' kefrija fl-ogħla grad tagħha. Ordni li tnissel u tbejjet vendetta dejjem u kullimkien. Hekk kien iż-żmien tat-Testment il-Qadim.

Il-Leviti komplew sal-aħħar dik l-ordni **billi qatlu tlitt elef ruħ.** Mosè jiddikjara li b'hekk ulied Levi kienu kisbu s-saċerdozju. "Illum intom ikkonsagrajtu rwieħkom lil Mulej u lil ħutkom; u ġbidtu llum il-barka fuqkom" (Eż 32,29).

Ġrajja oħra u li forsi hija anqas krudila qiegħda fil-kapitlu 25 tal-Ktieb tan-Numri. Levita jismu Fineħas, ħakem Iżraelita qed jidneb ma' mara Medjanita, mela idolatrija fil-beraħ. Il-levita qabad ix-xabla u b'daqqa waħda qatilhom it-tnejn li huma. Dan hekk ukoll ħa l-wegħda tas-saċerdozju dejjiemi għall-familja tiegħu. (Num 25, 6-12) "U jkun għalih u għal nislu warajh il-patt tas-saċerdozju għal dejjem għaliex kien għajjur għal Alla tiegħu, u patta għal ulied Iżrael" (Num 25,13).

## Is-saċerdozju ta' Kristu.

Minn dawn iż-żewġ ġrajjiet tat-Testment il-Qadim wieħed jasal biex jifhem





kemm huwa differenti s-saċerdozju ta' Kristu, is-saċerdozju tal-Patt il-Ġdid. Minflok ma jeżiġi kastigi ħorox kontra l-midinbin, Ġesù saċerdot talab ħniena bla limiti. Ġesù ma sarx saċerdot billi xeħet fuqna midinbin kastigi ħorox, imma bil-maqlub, huwa qasam magħna din l-istess xorti miżera kawża tad-dnub. Hekk Ġesù wera bil-qawwa kollha **l-ħniena infinita saċerdotali** tiegħu. Din il-bidla li ġab Ġesù, diġà dehret qabel il-passjoni fil-ħajja pubblika kollha tiegħu.

Difatti Ġesù aċċetta li jiekol magħhom, tant li b'mod ironiku bdew isejħulu "ħabib tal-pubblikani u tal-midinbin" (Mt 9, 11; Lq 7,34). Għal kritika ħarxa li kienu jagħmlulu dawk ta' madwaru minħabba din l-imġiba tiegħu, Ġesù kien iweġibhom hekk: "Morru mela tgħallmu x'jiġifieri, 'Ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju'; għax mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin" (Mt 9,13; Lq 7,34) Ġesù hawn qed jagħmel riferenza għas-sagrifiċċji ritwali u għal kull forma oħra ta' debħa.

## Ġesu jitħassar u jħenn għan-nies

Il-ministeru kollu ta' Ġesù kien wieħed ta' ĦNIENA lejn il-morda, il-foqra, l-imxajtna, iż-żgħar, l-abbandunati; u fuq kollox lejn il-midinbin. Il-Vanġeli Sinottiċi jikkaratterizzaw din l-imġiba ta' Ġesù billi jużaw verb ġej min-nom *splagchna*, li jfisser il-vixxeri, l-intern tal-bniedem, mela l-aktar parti sensittiva. Il-post forsi l-aktar sensittiv u li jbati. Fil-Bibbja dan il-verb ma jinstab imkien aktar b'din it-tifsira. Hekk juri t-tqanqil emozzjonali ta' "l-intern". Aħna ngħidu: il-qalb tiegħi tqanqlet, tikkommovi, tħassret.

a) Ġie wieħed imġiddem quddiem Ġesù u dan talbu bil-qawwa biex ifejqu: **"Mqanqal mill-ħniena**, Ġesù medd idu fuqu, messu u qallu: Irrid, kun imnaddaf" (Mk 1,41).

b) Żewġ għonja li joqogħdu Ġeriko ndunaw li Ġesù kien għaddej, dawn bdew jgħajtu: Bin David ikollok ħniena minna! **"Ġesù tħassarhom**, messilhom għajnejhom, u minnufih bdew jaraw" (Mt 20,34).

ċ) Ġesu kien fir-raħal żgħir ta' Najm u ra waħda armla miexja wara l-uniku iben tagħha li kien mejjet. "Kif raha **l-Mulej tħassarha**. Tibkix qalilha" (Lq 7,13). U Ġesù qajmilha lil binha.

d) F'diversi okkażjonijiet oħra, Ġesù ra l-folla u tqanqal: "Ra n-nies u **tħassarhom**, għax kienu mdejqa u mitluqa bħal ngħaġ bla ragħaj" (Mt 9,36).

e) F'okkażjoni oħra Ġesù reġa' għamel u rrepeta l-istess kliem u ġesti: "Ġesù sejjaħ lid-dixxipli tiegħu u qalilhom; **Nitħassarhom** lil dawn in-nies, għax ġa ilhom tlitt ijiem miegħi u ma għandhom xejn x'jieklu" (Mt 15,32).

Ġesù jerġa' jagħmel użu mill-istess verb, fejn juri l-ħniena, ukoll fil-parabboli. Hekk f'dik tas-Samaritan it-tajjeb: "Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, **rah u tħassru**" (Lq 10,33)

L-istess kliem jerġa' joħroġ fil-beraħ fil-parabbola ta' l-Iben il-Ħali: Il-missier hekk kif ra l-ibnu ġej lura, imċerċer kif kien "**tħassru** u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu" (Lq 15,20).

Dan huwa tassew l-atteġġjament ta' Ġesù l-qassis il-kbir tat-Testment il-Ġdid; wieħed ta' ħniena u mogħdrija lejn u ma' kulħadd.



# P. GABRIELE M. ALLEGRA OFM BEATU ĠDID GĦALL-ORDNI FRANĠISKAN U GĦALL-KNISJA

*Giacomo Bini ofm*
*Marcello Ghirlando ofm*

"Dixxiplu umli tal-Għerf Divin, veru appostlu ta' l-Iskrittura Mqaddsa, missjunarju mimli ħeġġa fil-Lvant": hekk ġie deskritt Patri Gabriele M. Allegra OFM mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI fl-Ittra Apostolika li biha ried li dan il-Franġiskan, bin il-Provinċja ta' Sqallija, jiġi pproklamat Beatu nhar is-Sibt 29 ta' Settembru 2012.

P. Gabriele Allegra fil-fatt ġie pproklamat bħala Beatu ġdid tal-Knisja u ta' l-Ordni Franġiskan mill-Kardinal Angelo Amato, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, quddiem il-Katidral ta' Acireale, Sqallija. Miegħu ngħaqdu l-Kardinal Joseph Zen Ze-Kiun, Isqof Emeritus ta' Hong Kong, il-Kardinal Salvatore Giorgio, Arċisqof Emeritus ta' Palermo, il-Kardinal Paolo Romeo ta' Palermo, l-Isqof ta' Acireale, Mons. Antonino Raspanti, u l-Ministru Ġeneral tal-Ordni Franġiskan, P. Josè Rodriguez Carballo OFM. Magħhom ingħaqdu 25 Isqof ieħor u aktar minn 200 patri Franġiskan.

Kien Francesco Tomasello, imfejjaq b'mod mirakoluż mill-kanċer bl-interċessjoni ta' P. Gabriele Allegra, li tella' r-relikwi tal-Beatu l-ġdid lejn l-altar waqt il-kant tal-Magnificat u l-kxif tax-xbiha tal-Beatu, imdendla mal-faċċata tal-Katidral ta' Acireale.

Fl-omelija tiegħu, il-Kardinal Amato saħaq fuq il-fatt li l-qdusija tal-Beatu Gabriele Allegra kellha għeruqha fil-familja fqira tiegħu, familja profondament reliġjuża. Kien bniedem enċiklopediku u appostlu dinamiku tal-Vanġelu. Kien espert ta' l-Iskrittura Mqaddsa, kelliem magħruf. Kien qaddis u xhud erojku tal-Vanġelu ta' Kristu. Il-Kardinal żied jgħid illi l-isbaħ karatteristiċi tal-Beatu Gabriele Allegra kienu l-fidi "tal-granit" li kellu u l-umiltà franġiskana.

Lejlet il-Quddiesa tal-Beatifikazzjoni sar pellegrinaġġ Marjan bix-xbieha tal-Madonna ta' Ravanusa, li lejha P. Gabriele Allegra kellu devozzjoni speċjali. Quddiema kien talab: "Immur iċ-Ċina u nittraduċi l-Bibbja għaċ-Ċiniż!".

Il-pellegrinaġġ telaq mis-Santwarju tal-Madonna ta' Ravanusa, f'San Giovanni La Punta, ir-raħal fejn twieled il-Beatu l-ġdid, u ntemm fil-Knisja Franġiskana ta' San Bjaġju f'Acireale, fejn huma meqjuma l-fdalijiet tiegħu. Fil-pjazza ta' quddiem il-Katidral ta' Acireale, fost il-presenza qawwija taż-żgħazagħ, il-Ministru Ġeneral mexxa l-Velja ta' Talb.

## Ittra tal-Ministru Ġeneral

Fl-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni ta' P. Gabriele Allegra OFM, u anke tal-14-il martri Franġiskan ta' Praga fil-21 ta' Ottubru, l-istess Ministru Ġeneral, P. Josè Rodriguez Carballo OFM, kiteb ittra lill-Ordni.

Huwa saħaq fuq il-grazzja li dawn il-Beati qed jiġu pproklamati fil-bidu tas-Sena tal-Fidi. Hu kiteb u qal li din hija sena li tfakkarna li l-ħajja għandha sens biss fid-dawl tal-fidi. Fidi li tiġi mbagħad imxandra lill-oħrajn. Fidi li hija mogħtija l-ħajja fis-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Kelma li tbiddilna u tixprunana nagħtu xhieda għal Mulej Ġesù, il-ħajja tagħna, sal-mewt.

F'dan id-dawl, rigward P. Allegra, jistqarr: "Din kienet l-ikbar xewqa ta' P. Gabriele Allegra. Għalhekk hu studja, ħadem, bata u miet. Fil-fatt,



huwa miet f'Hong Kong fl-1976, bit-talba tas-Salm 54 fuq fommu".

"Twieled nhar is-26 ta' Diċembru, f'San Giovanni la Punta, f'Catania. Daħal fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri fl-1923 u ġie ordnat saċerdot fl-1930. Fl-1928 Fra Gabriele ħass is-sejħa li jmur iċ-Ċina wara li sema' taħdita ta' missjunarju fiċ-Ċina fl-Ateneo Pontifiċju Antonianum. Ried jagħmel dan "għall-imħabba tal-Kelma ta' Alla u biex jitraduċi l-Ittra sħiħa ta' Alla lill-bnedmin għaċ-Ċiniż".

"Il-ħolma ta' żgħożitu seħħet fl-1961. Hu stess stagħġeb bil-ħidma kbira li wettaq: "Kif stajt nagħmel dan kollu! Għall-merti biss tal-Verġni Immakulata". Aħna wkoll nistagħġbu. L-opra tiegħu għamlet li hu jissejjaħ "San Ġirolmu il-ġdid taċ-Ċina u tal-Lvant Imbiegħed".

"Kollox kien possibbli bil-qawwa tal-fidi fil-Kelma li

kellu dan il-Qaddej ta' Alla, tal-imħabba li kellu għaċ-Ċina u ċ-Ċiniżi, speċjalment il-morda bil-lebbra u l-foqra, u bil-qawwa tal-istudju ta' kuljum imseddaq bit-talb kontinwu u d-devozzjoni".

"Hekk kien jitlob lill-Mulej: Għinni, biex bħal San Bonaventura u ħija l-għażiż il-Beatu Ġwanni Duns Skotu, inlaqqam l-istudju tiegħi fit-talb; u nistudja biss biex insir dixxiplu tal-Għerf Divin, jiġifieri, biex nagħrfek u nħobbok aktar".

## Riflessjoni fuq il-Beatu l-ġdid

Fil-kważi sebgħin sena ta' ħajja tiegħu (1907 – 1976), il-Beatu Gabriele Allegra għaraf jgħix b'passjoni l-jiem kollha li l-Mulej kien tah. Imżejjen b'intelliġenza kbira, intuittiva u sintetika, għaraf jaqra s-sinjali taż-żminijiet, jinterpretahom u jiddedika b'mod sħiħ l-eżistenza tiegħu għat-twettiq ta' dak li l-Ispirtu kien jurih progressivament. B'hekk aħna nistgħu naraw fih bniedem disponibbli, bniedem impenjat ħafna, imma bniedem li kien seren, għaliex għaraf jagħti direzzjoni ordnata lill-imħabba tiegħu mingħajr diviżjonijiet interjuri, minngħajr ma nħela fuq ħafna affarijiet f'daqqa.

P. Gabriele kien impenjat f'diversi ministeri: fl-għalqa tal-pastorali, f'dik tal-formazzjoni, fit-tagħlim, bħala studjuż u traduttur, f'pajjiżu u fil-missjoni. U dan kollu bis-sinjal tas-sempliċità franġiskana: sempliċità li dehret fit-trasparenza u d-dedikazzjoni f'dak kollu li kien jagħmel u li kien iwasslu kważi b'mod naturali għand Alla. Kellu s-sempliċità li tant kien iħobb San Franġisk: 'Mhux li Franġisku kien japprova kull tip ta' sempliċità, imma dik li, kuntenta b'Alla tagħha, tiddisprezza l-bqija'(2 ċel 189).

Din is-semplicità, magħquda bil-passjoni, tirrivela kapaċità kbira ta' sintesi, kapaċità li tagħraf tagħżel dak li huwa l-essenzjal u twassal kollox għall-għażla prioritarja li wieħed ikun għamel. P. Gabriele Allegra ma kienx bniedem li kien jaqa' għat-tentazzjoni li jagħmel ħafna affarijiet flimkien u malajr; lanqas ma kien vittma ta' dik li tissejjaħ 'patoloġija tal-ġenerożità', li hija aktar marda tar-ruħ li ma tagħrafx tqiegħed l-ordni fil-flimkien tal-ħajja. P. Gabriele kien bniedem 'ordnat'; meta jibda t-traduzzjoni tal-Antik Testment kien ta lilu nnifsu din ir-regola: ħames sigħat kuljum għall-istudju tal-lingwa Ċiniża u tliet sigħat ta' studju tal-Iskrittura Mqaddsa. Kien franġiskan okkupat ħafna, imma mhux preokkupat. Dan li jagħmel prezzjuża l-ħajja f'għajnejn Alla mhux tant il-kwantità tal-affarijiet li nagħmlu, imma l-kwalità ta' dak li nagħmlu. P. Gabriele kien jaf iżejjen kollox b'serenità u spiritwalità kbira.

## Missjunarju ġeneruż u nkulturat

Il-ħajja kollha, missjunarja u itineranti, ta' P. Gabriele Allegra, kienet mibnija fuq id-disponibilità għall-intuwizzjonijiet u x-xewqat tal-Ispirtu, intuwizzjonijiet u xewqat li hu għaraf jinterpreta, jikkonkretizza u jwettaq b'paċenzja u perseveranza, konxju ta' dak li kellu jieħu l-ewwel post fil-ħajja. Jekk il-Mulej sejħu għaċ-Ċina, deherlu ċar li kellu jintefa' għalkollox biex jitgħallem il-lingwa u l-kultura Ċiniża biex jifhem, japprezza u jiddjaloga ma' din id-dinja tant 'il bogħod minn tagħna. P. Gabriele tgħallem b'ħeffa tal-għaġeb u b'passjoni il-mandarin. Jaqleb bit-Taljan poema popolari fiċ-Ċina, *Li Sao,* tal-poeta kbir Chu Yuan, ta' bejn is-sekli erbgħa u ħamsa qabel Kristu. Ma tistax tiddjaloga mingħajr dan il-'banju kulturali'; u aktar, ma setax jaqleb mil-lingwa antika mandarina mingħajr ma tkun taf tajjeb il-mentalità tan-nies li għalihom tkun qiegħed tittraduċi.

P. Gabriele ma kellux problema jiċċaqlaq minn post għall-ieħor: minn Sqallija għaċ-Ċina, minn Hong Kong għall-Singapore, għall-Ewropa…, minn esperjenza għall-oħra. Kellu stabilità interjuri li għenitu jkun itineranti



mingħajr biżà, lest li jbiddel ix-xogħol mingħajr ma juri wisq preokkupazzjoni u ansjetà għax kellu jibda mill-ġdid. L-istess marda li ġġiegħlu jerġa' lura lejn Sqallija għal sena ma tneħħilux is-serenità interjuri li kellu. Jiġi mitlub li jkun id-Direttur tas-Seminarju, Direttur tal-Istudju Bibliku, u mbagħad tal-Istudju Soċjoloġiku f'Singapore: jaċċetta kollox u jilqa' dawn il-karigi b'naturalezza u sempliċità, billi ddedika ruħu għal kwalunkwe servizz bis-sħiħ mingħajr ma jibki l-passat jew joħlom preżent differenti. Kien iħossu msejjaħ: allura jobdi, jaħdem, mingħajr ma jinsa li huwa qaddej li jfittex jagħmel dejjem ir-rieda ta' Alla. Din is-sempliċità teoċentrika kellha tkun in-nota dominanti ta' l-eżistenza tiegħu. Jikteb hekk fid-djarju tiegħu: 'Kelli nitgħallem li t-talb u l-ordni jtawlu s-sigħat u ssib ħin għalkollox'.

## Studjuż kwalifikat

Lil min kien jitolbu liema kienu l-mezzi li jgħinu fl-għaqda ma' Alla, P. Gabriele kien jgħid li kienu tnejn: it-talb u l-istudju, jew ix-xjenza bħala riċerka. Fidil għat-tradizzjoni franġiskana, għaraf jgħaqqad dawn iż-żewġ kolonni tas-sejħa tiegħu, u li verament sostnew il-ħajja tiegħu ma' Alla u x-xogħol tiegħu.

Huwa ċar li l-monument l-aktar importanti li għaraf jibni, fost l-opri kollha tiegħu, hija t-traduzzjoni tal-Bibbja mil-lingwi oriġinali għall-mandarin, opra li ssejħet 'l-ikbar opra letterarja tal-Knisja Kattolika fiċ-Ċina'. Hu stess kien isejħilha 'ġebla tax-xewka għall-bini tal-Knisja'. U dan kollu huwa frott tal-umli u s-sempliċi P. Gabriele! Bniedem li jaħdem bil-passjoni, li għaraf iħejji kollaboraturi li magħhom kellu jkollu relazzjoni fraterna u operuża.

L-Istudju Bibliku Franġiskan jitwieled f'Beijing, imbagħad kellu jiċċaqlaq għall-Hong Kong, l-ewwel fis-sede tal-Prokura tal-Missjonijiet, imbagħad f'Kennedy Road u wara f'Henderson Road fejn għadu sal-ġurnata tal-lum. Minkejja d-diffikultajiet kollha,

P. Gabriele ppersevera u wassal fit-tmiem din l-opra.

Minbarra l-istudji bibliċi, P. Gabriele kien fehem l-importanza tad-djalogu interkulturali u max-xjenxi; għarraf b'dan lill-Ministru Ġeneral ta' dak iż-żmien, li fl-1963 waqqaf u bagħtu jmexxi l-Istudji Soċjoloġiku ġdid f'Singapore, ħaġa li għamel għall-sentejn billi ħalla għal dan iż-żmien Hong Kong.

## Bniedem ta' fidi

'Il-fidi tiegħi, anke jekk dgħajfa, hija l-qawwa tiegħi, u għalhekk nipprova ngħix u naħdem kullimkien', kien stqarr P. Gabriele. Kien kapaċi għal dan l-ottimiżmu anke f'mumenti ta' taqlib u diffikultajiet.

Nistgħu nifhmu lil P. Allegra jekk naraw fih il-bniedem ta' fidi u ta' tama kbira. L-għaqda spiritwali tal-personalità tiegħu hija mibnija fuq dan il-pedament, nukleu spiritwali li jieħu l-ħajja bis-smigħ attent tal-Kelma ta' Alla, b'relazzjoni profonda ma' Alla fit-talb u fit-telqa għar-rieda tiegħu. Għalhekk ix-xogħol għalih ma kienx distrazzjoni imma jagħti l-ħajja lil din ir-relazzjoni: ma jintilifx f'elf ħaġa imma kien kapaċi joħloq ġerarkija u jgħix tajjeb iż-żmien mogħti lilu b'intelliġenza kbira u dixxiplina organizzattiva.

Forsi din hi l-kariżma li llum tant neħtieġu: persuna magħquda serenament ma' Alla, impenjata u okkupata tajjeb, imma mhux preokkupata, bħalma kien ħuna P. Gabriele. Hija kariżma li hija l-ġawhra prezzjuza li tissemma fil-Vanġelu u li għaliha rridu nkunu lesti nbigħu kollox.

P. Allegra stess hekk kien stqarr: 'ħajja sabiħa hija ħolma taż-żgħożija mwettqa f'età matura'. Li toħlom sal-aħħar jum tal-ħajja, mingħajr ma titlef il-konkretezza tar-realizzazzjoni fil-preżent li l-Mulej jagħtina.

## L-Istudju Bibliku Franġiskan ta' Hong Kong

"Immur iċ-Ċina biex nittraduċi l-Bibbja!" Hekk kien stqarr iż-żagħżugħ, Gabriele Allegra OFM, meta ħolom li jagħmel dak li ħaddieħor qatt ma kien għamel. Patri Gabriele twieled fi Sqallija, l-Italja, fis-26 ta' Diċembru 1907. Daħal mal-Franġiskani fis-sena 1923. Meta kien qed jistudja għas-saċerdozju f'Ruma, kien ispirat mill-ewwel missjunarju Kattoliku fiċ-Ċina, Patri Giovanni minn Montecorvino, li fl-1295 kien ittraduċa s-Salmi u l-Ġdid Testment fl-ilsien tal-Mongolja. Minn dak iż-żmien kienu saru diversi tentattivi biex il-Bibbja tiġi tradotta fil-Mandarin, imma ftit biss mill-kotba kien fil-fatt ġew tradotti. Patri Gabriele ried jitraduċi l-Bibbja kollha biex jagħtiha bħala don lil dan in-nazzjon kbir. Fl-1931, meta kellu 24 sena, huwa telaq mill-Italja lejn il-missjonijiet franġiskani taċ-Ċina. Kull ma ħa miegħu kien l-imħabba immensa li kellu lejn il-Kelma tiegħu u lejn dan il-pajjiż. ħa miegħu wkoll fiduċja kbira fil-Verġni Immakulata, li tant kien iħobb.

Mogħni b'memorja fotografika u b'don li jitgħallem malajr l-ilsna, Patri Gabriele, wara biss tliet xhur ta' studju kien jaf



bizzejjed ċiniż biex jisma' l-qrar fil-missjoni tiegħu ta' Heng Yang, fil-Provinċja ta' Hunan. Huwa u jistudja waħdu l-Ebrajk, beda jittraduċi l-Antik Testment fis-sena 1935.

Fl-1944, wara xogħol u ħidma kbira, Patri Gabriele temm it-traduzzjoni tal-kotba tal-Antik Testment mill-ilsna oriġinali. L-okkupazzjoni Ġappuniża taċ-Ċina ġiegħlet lil Patri Allegra jitlaq mill-missjoni tiegħu f'Heng Yang. Mar f'Beijing. Fil-kaos taż-żmien huwa tilef nofs il-manuskritti tiegħu, li fuqhom kien ħadem b'tant reqqa. Is-sena ta' wara huwa ġabar miegħu numru ta' patrijiet Ċiniżi biex jgħinuh fit-traduzzjoni tal-Bibbja. Ingħaqdu miegħu l-Patrijiet Solanus Lee OFM u Antonius Lee OFM. Aktar tard ingħaqdu wkoll miegħu l-Patrijiet Bernardinus Lee OFM u Ludovicus Liu OFM. Dawn ħadmu miegħu fit-traduzzjoni tal-Antik Testment u kkoreġew il-manuskritti li fuqhom kien ħadem Patri Allegra.

Sadattant bdew iħejju sensiela ta' kummentarji għall-Bibbja. Kien Patri Allegra stess li għallem il-Grieg u l-Ebrajk lil dawn il-kollaboraturi tiegħu.

Fis-sena 1945, l-Istudju Bibliku Franġiskan ġie inawgurat f'Beijing f'numru 6, Triq Ly Kwang Kiao. Fis-sena 1949 ġew ippubblikati traduzzjoni tas-Salmi u kummentarju għalihom. Il-Kotba tal-Għerf ġew ippubblikati fl-1947 u fis-sena 1948, il-Pentatewku. F'dik is-sena ngħaqdu ma' dawn il-Patrijiet Franġiskani żewġ qassisin djoċesani: Dun Victor Tso u Marcus Chen.

Minħabba l-ġwerra ċivili, fl-1948, il-Patrijiet kellhom jieħdu lill-Istudju Bibliku lejn Hong Kong. Il-Gwardjan tad-dar Franġiskana f'Waterloo Road f'Kowloon, Patri Seraphim Priestly OFM, laqa' lill-membri tal-Istudju Bibliku. Għal xi żmien huma ħadmu hemmhekk, minkejja l-kaos taż-żmien. Missjunarji refuġjati miċ-Ċina kollha



kienu jgħaddu xi żmien fid-dar Franġiskana, kemm Patrijiet Franġiskani, kif ukoll missjunarji ġejjin minn diversi Ordnijiet u Kongregazzjonijiet Reliġjużi oħra. Minn fosthom Patri Gabriele għażel lil diversi studjużi biex jaħdmu miegħu, fosthom P. Tarcisius Benvegnu OFM, li kien speċjalista fil-grieg. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Istudju Bibliku rnexxielu jippubblika l-Kotba Storiċi.

Fl-1950 l-Istudju Bibliku rnexxielu jsib post għalih f'numru 70, Triq Kennedy. Żdiedu mal-Istudju l-Patrijiet Vianney Chang OFM, Agnellus Van der Wiede OFM, Conrad Ly OFM, Accursius Yang OFM u Theobald Diederich, li wasal tliet snin wara. It-tieni volum tal-Kotba Storiċi ġie ppubblikat f'dan iż-żmien.

Fl-1951 ġie ppubblikat il-Ktieb ta' Iżaija; sena wara dak ta' Ġeremija u Eżekjel. Fl-1954 ġew ippubblikati l-Kotba ta' Danjel u l-bqija tal-Profeti.

L-Antik Testment kollu kien lest. Malli temmewh, il-Patrijiet kollha tal-Istudju Bibliku ħadu sena sabbatika flimkien ma' Patri Allegra u marru jaġġornaw ruħhom fl-istudji bibliċi fl-Istudju Bibliku Franġiskan ta' Ġerusalemm. F'din is-sena Patri Allegra għallem kors fuq San Ġwann u ħadem biex igħaqqad flimkien l-isforzi taż-żewġ Studji Bibliċi.



Fl-1955 beda x-xogħol tat-traduzzjoni tal-Ġdid Testment. Sentejn wara ppubblikaw il-Vanġeli u l-kummentarji għalihom. Fl-1959 temmew ix-xogħol fuq il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli u l-Ittri ta' San Pawl. Fl-1961 ippubblikaw l-Ittri Kattoliċi u l-Apokalissi. Sa fl-aħħar il-ħolma ta' Patri Gabriele Allegra kienet seħħet! Fl-1968 il-Bibbja biċ-Ċiniż ġiet ippubblikata f'volum wieħed. Il-Bibbja ġiet imlaqqma 'il-Bibbja ta' Betleħem'.

Imma x-xogħol tal-Istudju Bibliku kien għadu ma ntemmx. Ingħaqdu ma' Patri Allegra il-Patrijiet Gaspar Han OFM u Benjamin Leong OFM. Beda x-xogħol fuq id-Dizzjunarju Bibliku, dizzjunarju li ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1975.

Fl-1972, meta ħafna mill-patrijiet tal-Istudju Bibliku bdew jaħdmu fil-parroċċi u f'Taiwan, l-Istudju Bibliku ġie trasferit f'numru 6, Triq Henderson, fejn għadu sal-ġurnata tal-lum.

Fis-26 ta' Jannar 1976 Patri Gabriele Allegra miet fl-Isptar Canossa, f'Hong Kong. Fl-1984 id-Djoċesi ta' Hong Kong bdiet il-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu. Fl-1995 ġie ddikjarat Venerabbli u l-kawża tal-beatifikazzjoni ntemmet fis-sena 2000.

L-Istudju Bibliku illum qed jaħdem fuq ir-reviżjoni tat-traduzzjoni tal-Bibbja biċ-Ċiniz, jippubblika diversi kotba ta' natura Biblika, rivista biblika u oħra marbuta mal-Art Imqaddsa, jorganizza diversi korsijiet bibliċi u jqanqal l-appostolat bibliku f'Hong Kong u b'mod indirett, fiċ-Ċina kontinentali. Fl-1969 l-Istudju Bibliku ħeġġeġ għat-twaqqif tal-*Catholic Biblical Association* ta' Hong Kong, li l-istatuti tiegħu kienu tħejjew mill-istess Patri Allegra. Fl-1986 l-Istudju Bibliku ġabar flimkien l-istudjużi kollha tal-Bibbja f'Hong Kong u waqqaf il-*Catholic Biblical Institute* li jorganizza korsijiet bibliċi li jwasslu għall-għoti ta' Diploma fl-Istudji Bibliċi mogħti mill-Istudju Bibliku Franġiskan ta' Ġerusalemm.



# ‘IL-LHUD’ FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

***Rev. Dr Martin Micallef ofm cap***

Ir-Raba’ Evanġelju, magħruf aktar bħala l-Evanġelju skont San Ġwann, jirreferi għal-‘Lhud’ [bil-Grieg: *hoi Ioudaioi*] madwar sebgħin darba, f’kuntrast mal-Evanġelji Sinottiċi fejn dawn jissemmew madwar seba’ darbiet biss. Numru ta’ studji fuq dan is-suġġett ivarjaw sewwa minn xulxin fil-konklużjonijiet tagħhom.[1] Dan jurina li mhux faċli twieġeb għall-mistoqsija

min huma 'il-Lhud' fl-Evanġelju skont San Ġwann. F'dan l-artiklu, għalhekk, ser nippruvaw naraw kif jaħsbuha diversi studjużi ta' dan l-Evanġelju meta jitkellmu fuq din it-tema ċentrali fin-narrattiva tar-Raba' Evanġelju. Filwaqt li nagħmlu dan ser neżaminaw ukoll dak li r-Raba' Evanġelista għandu x'jgħidilna fuq din l-istess tema.

Il-mistoqsija ta' min huma 'il-Lhud' f'dan l-Evanġelju tista' tiġi fformulata wkoll b'xi ħaġa li fiha nfisha tidher xi ftit banali, jiġifieri jekk għandniex niktbu l-kelma 'il-Lhud' jew il-Lhud, bil- jew mingħajr *inverted commas.* Jekk niktbu *'il-Lhud'* bl-*inverted commas,* allura din il-kelma tirreferi għal grupp li jieħu rwol rappreżentattiv f'dan l-Evanġelju. Jekk iżda niktbu *il-Lhud* mingħajr l-*inverted commas,* b'din il-kelma, allura, inkunu qed nirreferu għall-poplu Lhudi.[2]

Jekk iżda nippruvaw ninterpretaw 'il-Lhud' permezz tat-tieni għażla, jiġifieri, li San Ġwann kien qed jirreferi għall-poplu Lhudi, nispiċċaw ngħidu li dan l-Evanġelju jaqa' taħt il-kategorija ta' anti-Semitismu, jiġifieri, li dan hu Evanġelju li joħloq attakk u mibgħeda kontra l-poplu Lhudi.[3] Konklużjoni bħal din iżda hija biss għodda f'idejn min matul iż-żmien ipprova jinterpreta dan l-Evanġelju għal għanijiet li jmorru kontra l-poplu Lhudi.[4]

Numru ta' studjużi huma tal-fehma li bil-kelma *hoi Ioudaioi,* ir-Raba' Evanġelista kien qed jirreferi għal grupp żgħir ta' mexxejja Lhud f'Ġerusalemm, u mhux għall-poplu kollu.[5] Il-problema b'din l-interpretazzjoni hija li f'Ġw 6,41-52 'il-Lhud' li jissemmew hawnhekk niltaqgħu magħhom fil-Galilija u mhux f'Ġerusalemm. Studjużi oħra bħal M. Lowe,[6] jissuġġerixxu li 'il-Lhud' f'San Ġwann huma dawk li kienu joqogħdu fil-Lhudija, imma din il-pożizzjoni wkoll tiġi kkontestata minħabba dak li fil-Kapitlu 6, li fih jissemmew il-Lhud, hu ambjentat fil-Galilija u mhux f'Ġerusalemm.

Studjużi oħrajn, għalhekk, jikkonkludu li l-kelma 'il-Lhud' f'dan l-Evanġelju ma tirreferiex għal xi nies li kienu jgħixu f'xi reġjun partikulari ta' Iżrael, iżda din il-kelma tintuża biex tfisser persuni li baqgħu m'emmnux f'Ġesù bħala l-Mibgħut tal-Missier.[7] Dan ifisser li 'il-Lhud' f'San Ġwann hija kategorija letterali u mhux referenza għal xi poplu partikulari.

Fid-dawl ta' din il-pożizzjoni, irridu noqgħodu ħafna attenti x'tip ta' konklużjonijiet naslu għalihom meta nitkellmu fuq dan is-suġġett li hu wieħed mill-aktar delikati, speċjalment meta nqisu l-istorja xejn sabiħa bejn l-Insara u l-Lhud f'dawn l-aħħar elfejn sena.[8]

## Is-Superjorità ta' Ġesù

Studji fuq l-Evanġelju skont San Ġwann ippubblikati lejn l-aħħar tas-Seklu 20 tefgħu dawl ġdid fuq kif u għal min inkiteb dan l-Evanġelju li fit-tradizzjoni bikrija nisranija ġie msejjaħ bħala 'l-Evanġelju Spiritwali.'[9] Skont dawn l-istudji, ir-Raba' Evanġelju nkiteb għall-komunità, li ngħatat l-isem tal-'komunità ta' San Ġwann', li kienet f'konflitt mas-Sinagoga minħabba t-twemmin tagħhom f'Ġesù Kristu bħala Alla.[10]

L-ebda evidenza esterna m'għandna sabiex nikkonfermaw din l-ipotesi fuq l-oriġini tal-kitba ta' dan l-Evanġelju. L-uniku ħaġa li għandna huwa l-Evanġelju nnifsu li jrid iservi bħala 'tieqa' li minnha nistgħu nittawlu biex naraw xi ħjiel dan jista' joffrilna fuq il-ħajja ta' din il-komunità nisranija.

F'din il-perspettiva, l-Evanġelju skont San Ġwann jinqara fuq żewġ livelli. Fuq livell minnhom għandna l-personaġġi li jissemmew fin-narrattiva ta' dan l-Evanġelju, bħalma huwa Ġesù, id-dixxipli, il-Lhud u tant oħrajn. Min-naħa l-oħra, għandna wkoll is-sitwazzjonijiet li minnhom kienet għaddejja l-komunità ta' San Ġwann fit-tmiem l-Ewwel Seklu W.K., liema sitwazzjonijiet huma

pproġettati fuq il-ħajja ta' Ġesù u l-personaġġi l-oħra li jissemmew fin-narrattiva.

Fid-dawl ta' dan kollu, dawk l-istudjużi li aċċettaw din il-perseptiva tal-orġini tal-kitba ta' dan l-Evanġelju jżommu wkoll li l-Evanġelju skont San Ġwann ma nkitbx f'daqqa minn persuna waħda, jiġifieri minn dak li l-istess Evanġelju jsejjaħlu 'id-dixxiplu l-maħbub.' Minflok, dan l-Evanġelju baqa' jiżdied b'mod li dawn iż-żiedet jirriflettu s-sitwazzjonijiet ta' konflitt li l-komunità ta' San Ġwann kellha mas-Sinagoga.[11]

F'dan il-proċess tal-kitba tar-Raba' Evanġelju, jidher li filwaqt li noti mit-twemmin Lhudi ġew ippreservati, fl-istess ħin, issawbu wkoll aspetti ġodda minn dan il-wirt. Dan seħħ bħala tweġiba għall-konflitt li l-komunità ta' San Ġwann kellha mal-'Lhud.'[12]

Fost dawn l-aspetti ġodda hemm ix-xhieda tal-Iskrittura, it-tifsira tat-Tempju u tal-Festi Lhud, l-awtorità ta' Mosè, il-wegħda tas-salvazzjoni u l-qawmien għall-ħajja ta' dejjem, l-għoti tal-manna mis-sema u oħrajn. F'dawn l-elementi kollha, Ġesù jiġi ppreżentat bħala dak li hu superjuri jekk mhux ukoll dak li qed jieħu l-post dawn l-istituzzjonijiet, personaġġi jew festi tal-'Lhud'.[13]

Hekk, per eżempju, l-episodju ta' meta Ġesù jidħol fit-Tempju ta' Ġerusalemm u jara lil dawk li kienu qegħdin ibiegħu annimali u jsarrfu l-flus, l-Evanġelisti Sinottiċi jirrakkuntawh lejn l-aħħar tal-ħajja ta' Ġesù, meta huwa jasal Ġerusalemm. L-Evanġelista San Ġwann, iżda, għażel li jinkludi dan l-episodju bħala parti min-narrattiva tiegħu imma b'differenza importanti. Huwa ttrasporta dan l-episodju għall-bidu tan-narrattiva minflok lejn l-aħħar. Dan juri li għal San Ġwann l-episodju huwa wieħed programmatiku fit-teoloġija tiegħu.[14]

Fid-dawl ta' dan, mela, it-Tempju, il-post fejn jgħammar Alla, donnu jitlef l-importanza tiegħu mal-Inkarnazzjoni: "u l-Verb sar bniedem u għammar fostna,



u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu bħala Ibnu l-waħdieni mimli bil-grazzja u l-verità" (Ġw 1,14). Mal-Inkarnazzjoni, mela, Alla qed jgħammar f'Ibnu Ġesù, li l-ġisem tiegħu hu t-Tempju veru. Hekk jispjega Ġesù stess meta jgħid: "Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu" (2,19). L-Evanġelista mbagħad jispjega li Ġesù hawnhekk "tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu" (v.21).

Aktar tard, imbagħad, fil-laqgħa li Ġesù kellu mal-mara Samaritana huwa jispjegalha li l-post tal-qima vera mhuwiex f'Ġerusalemm jew fuq il-muntanja Gariżim, imma "tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità" (4,23). Dan il-kliem irridu norbtuh ma' dak li naqraw fl-aħħar ċena, meta Ġesù jispjega li Hu hu l-verità: "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja" (14,5). Mela li tadura lil Alla fl-ispirtu u l-verità jfisser li tadura lil Alla permezz tal-persuna ta' Ibnu Ġesù li hu l-istess verità.

Fid-diskors li jsegwi l-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, Ġesù joħloq kuntrast bejn il-manna mogħtija mis-sema u l-ħobż ġdid mogħti mis-sema. Huwa jispjega lil-'Lhud' li "mhux Mosè takom il-ħobż mis-sema, iżda Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-sema" (6,32). Ġesù jfisser dan il-kliem meta jgħid li l-ħobż tassew mis-sema "huwa ġismi" (v.51). Mhux biss, imma dan il-ħobż tassew mis-sema, jiġifieri Ġesù nnifsu, huwa superjuri għal dak li kielu missirijiethom fid-deżert. F'kuntrast mal-manna li missirijiet 'il-Lhud' li kienu qed jisimgħuh, kielu u mietu, min jiekol minn dan il-ħobż ħaj "jgħix għal dejjem" (v.51).[15]

F'siltiet differenti, imbagħad, bħal Ġw 9,27-33 ir-Raba' Evanġelista b'mod sottili jippreżenta s-superjorità ta' Ġesù fuq Mosè, xi ħaġa li 'il-Lhud' ma kinux lesti li jaċċettaw. Din it-tema hija diġà mħabbra fil-Prologu fejn naqraw: "Alla ta l-Liġi permezz ta' Mosè imma l-grazzja u l-verità seħħew permezz ta' Ġesù Kristu" (1,17). Fis-sentenza ta' wara din, u li biha jagħlaq il-Prologu, naqraw: "Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier" (v.18).

Dan il-kliem ġie mfisser fid-dawl ta' din il-kontroversja li titratta s-superjorità ta' Ġesù fuq Mosè. Mosè kien talab lill-Mulej Alla biex jurih wiċċu. Imma l-Mulej irrifjuta li jilqa' din it-talba għaliex ħadd ma seta' jara lil Alla u jibqa' ħaj, kif naqraw f'Eż 33,20. L-Evanġelista San Ġwann, iżda, jinfurmana li hemm eċċezzjoni waħda għal dan: l-Iben ta' Alla: "Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier" (1,18). B'dan il-kliem, u b'mod tassew sottili, mela, ir-Raba' Evanġelista qed jippreżentalna lil Ġesù bħala superjuri għal Mosè.[16]

Siltiet bħal dawn jagħtuna ħjiel tal-polemika li jidher li kien hemm bejn il-komunità ta' San Ġwann u s-Sinagoga. L-Evanġelista, fil-fatt, bħal donnu jżomm id-distanza tiegħu u tal-qarrejja 'l bogħod minn dak kollu li hu Lhudi. Dan iseħħ b'espressjonijiet bħal "l-Għid tal-Lhud"[17] jew "il-festa tal-Lhud."[18] Espressjonijiet bħal dawn jagħtuna indikazzjoni li dawn il-festi m'għadhomx jappartjenu aktar lill-komunità nisranija li għalihom inkiteb dan l-Evanġelju. Minflok, dawn huma biss festi 'tal-Lhud.'

## L-Antagonisti ta' Ġesù

B'dan f'moħna mhijiex sorpriża, mela, meta ngħidu li r-Raba' Evanġelista jippreżenta 'il-Lhud' bħala l-antagonisti ewlenin ta' Ġesù. L-Evanġelista jinfurmana sa minn kmieni fin-narrattiva, li 'il-Lhud' kienu jippersegwitaw lil Ġesù: "għalhekk il-Lhud ħraxu għal Ġesù, għax f'jum is-Sibt kien jagħmel ħwejjeġ bħal dawn" (5,16). L-Evanġelista jurina wkoll kif huma ma jifhmux lil Ġesù: "Qalu l-Lhud: 'Jaqaw se jneħħi ħajtu b'idejh dan? Għax qal li 'Fejn sejjer jien intom ma tistgħux tiġu.' "'" (8,22). Huma jippruvaw



iħaġġruh: "Għalhekk il-Lhud qabdu l-ġebel biex iwaddbuhulu, imma Ġesù nħbielhom u ħareġ mit-tempju" (8,59).

B'xi mod, 'il-Lhud' huma wkoll responsabbli għall-arrest u l-mewt ta' Ġesù: "is-suldati u l-kaptani tagħhom flimkien mal-għases tal-Lhud, qabdu lil Ġesù u rabtuh" (18,12). Hekk ukoll fil-proċess ta' Ġesù quddiem Pilatu, l-Evanġelista jikteb: "Minn dak il-ħin 'il quddiem Pilatu beda jfittex kif jeħilsu; imma l-Lhud issuktaw jgħajtu u jgħidu: 'Jekk teħles lil dan, tiksirha ma' Ċesari'" (19,12).

'Il-Lhud' huma wkoll ippreżentati bħala dawk li mhumiex leali lejn il-fidi u t-tradizzjoni tagħhom. Hekk, per eżempju, Ġesù jakkużahom li ma jħarsux il-Liġi,[19] li mhumiex tassew ulied Abraham[20] u li ma jifhmux l-Iskrittura.[21]

L-aktar ħaġa li tispikka, iżda, hija l-fatt li 'il-Lhud' jibqgħu ma jemmnux f'Ġesù bħala l-mibgħut ta' Alla.[22] Hekk, per eżempju, fil-Kapitlu 5, naqraw li Ġesù jfejjaq raġel f'jum is-Sibt. F'dan l-istes episodju, Ġesù jiddefendi lilu nnifsu kontra l-akkuża miġjuba kontrih li kien kiser is-Sibt meta jgħid: "Missieri għadu jaħdem sa issa; mela naħdem jien ukoll'" (v.17). Immedjatament wara dan il-kliem naqraw li "minħabba f'hekk il-Lhud wisq iżjed minn qabel bdew ifittxu li joqtluh, mhux biss għax kien jikser is-Sibt, imma wkoll għax lil Alla kien jgħidlu Missieru u jqis ruħu daqs Alla" (v.18).

L-istess nota nerġgħu niltaqgħu magħha f'10,33 fejn naqraw: "Weġbuh il-Lhud: 'Mhux għal xi għemil tajjeb irridu nħaġġruk, iżda minħabba d-dagħwa li dgħajt, u għax int, li m'intix ħlief bniedem, qiegħed tagħmel lilek innifsek Alla." Meta ħadu lil Ġesù quddiem Pilatu, imbagħad, 'il-Lhud' jgħidu lill-Gvernatur: "Aħna għandna liġi, u skont din il-liġi għandu jmut, għax għamel lilu nnifsu Bin Alla" (19,7).[23]

F'dawn it-tliet testi, 'il-Lhud' isemmgħu leħinhom kontra Ġesù meta jakkużawh li hu kien qed jagħmel lilu nnifsu daqs Alla (jew Bin Alla). Bosta studjużi ta' dan l-Evanġelju huma tal-fehma li din l-akkuża kontra Ġesù, li fin-narrattiva ta' dan l-Evanġelju twassal għall-mewt ta' Ġesù, tirrifletti dak li fil-fatt kien qed jiġri madwar is-sena 100 W.K., meta nkiteb dan l-Evanġelju.

Fid-dawl ta' din il-pożizzjoni, allura, il-Komunità ta' San Ġwann kienet qed tilqa' l-isfidi mis-Sinagoga filwaqt li kienet qed tagħmel ir-riflessjoni tagħha fuq min hu Ġesù. Ġesù ma kienx sempliċiment il-Messija,

imma dan il-Messija hu l-istess Iben ta' Alla.

Hekk tistqarr Marta, oħt Marija f'11,27 meta lil Ġesù tgħidlu: "Iva, Mulej, jiena nemmen li inti *l-Messija, l-Iben ta' Alla*, dak li ġie fid-dinja." Filwaqt li f'dik li hija meqjusa bħala l-konklużjoni oriġinali ta' dan l-Evanġelju naqraw: "Dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-*Messija l-Iben ta' Alla* ..." (20,31).

Il-fatt li t-titlu ta' Messija/Kristu f'dan l-Evanġelju jingħaqad mat-titlu l-ieħor ta' Bin Alla jurina li t-titlu ta' *Messija* issa kien qed jieħu tifsira divina. Kien preċiżament dan il-kontenut li 'il-Lhud' sabu daqshekk offensiv u li aktarx wassal biex il-membri tal-komunità ta' San Ġwann tkeċċew 'il barra mis-sinagogi.[24]

Ġw 9,22; 12,42; 16,2 huma fil-fatt tliet testi deċiżivi li jitkellmu minn din id-deċiżjoni min-naħa tal-'Lhud' sabiex "ikeċċu barra mis-singagoga" [bil-Grieg: *aposunagogos)* lil dawk li jemmnu u jistqarru lil Ġesù bħala l-Messija.

Għalhekk, fl-episodju tal-fejqan tal-għama mit-twelid, naqraw li l-ġenituri ta' dan l-għama beżgħu jagħtu xhieda "għax il-Lhud kienu ġa ftiehmu bejniethom li jekk xi ħadd jistqarr li Ġesù hu l-Messija, jiġi mkeċċi barra mis-sinagoga" (9,22). Imbagħad, fl-evalwazzjoni tal-ħajja pubblika ta' Ġesù, naqraw li "ħafna mill-kapijiet emmnu fih ukoll, iżda minħabba l-Fariżej dan ma stqarrewhx, biex ma jitkeċċewx 'il barra mis-sinagoga" (12,42). Fl-aħħar ċena, imbagħad, Ġesù jħabbar: "ikeċċukom 'il barra mis-sinagoga, mhux biss, imma tasal is-siegħa meta min joqtolkom jaħseb li jkun qiegħed jagħti qima lil Alla" (16,2).

## 'Il-Lhud' fin-Narrattiva tal-Evanġelju

'Il-Lhud' jissemmew għall-ewwel darba f'1,19 meta naqraw kif il-mexxejja tal-Lhud ta' Ġerusalemm bagħtu xi qassisin u Leviti jistaqsu lil Ġwanni l-Battista: "Int min int?" 'Il-Lhud', mela, jidhru għall-ewwel darba fin-narattiva tar-Raba' Evanġelju, jistaqsu mistoqsijiet, u ħafna mill-kliem tagħhom fl-ewwel għaxar kapitli ta' dan l-Evanġelju huwa ppreżentat f'forma ta' mistoqsijiet oħra li jqanqlu bosta konfrontazzjonijiet ma' Ġesù. Mhux biss, imma dawn l-istess mistoqsijiet juru li 'il-Lhud' ma kinux lesti li jaċċettaw it-tweġibiet mogħtija lilhom.[25]

L-ewwel episodju f'Ġerusalemm jibda b'referenza għall-festa tal-'Għid tal-Lhud.' Hawnhekk



‘il-Lhud’ jistaqsu lil Ġesù: “X’sinjal se turina li inti tista’ tagħmel dan?” (2,18). Wara għandna l-episodju tal-laqgħa ta’ Nikodemu ma’ Ġesù. Nikodemu hawnhekk hu muri bħala “wieħed mil-kbarat tal-Lhud” (3,1) u li ma jifhimx kliem Ġesù meta dan stiednu biex jitwieled mill-ġdid/għoli [bil-Grieg: *anothen*] (3,7).

Fil-kapitlu 4, fil-laqgħa mal-mara Samaritana, Ġesù jiġi identifikat bħala ‘Lhudi’ (v.9). F’dan l-istess episodju, imbagħad, insibu l-unika referenza pożittiva għal-‘Lhud’ f’dan l-Evanġelju, meta Ġesù jgħid: “is-salvazzjoni ġejja mil-Lhud” (v.22). Minkejja dan, wieħed m’għandux jeskludi li dan il-vers jagħmel parti mill-ironija ta’ dan l-Evanġelista![26] Fil-fatt, dan l-Evanġelista juża’ l-kelma ‘Iżrael’ flok ‘il-Lhud’ meta jkun irid jagħti tifsira pożittiva lil din il-kelma.[27]

Ir-rwol tal-‘Lhud’ f’dan l-Evanġelju ma jiġix stabilit qabel 5,16.18 fejn huma jagħmlu l-ewwel attentat biex joqtlu lil Ġesù. B’danakollu, il-kliem “wisq iżjed minn qabel” f’din is-sentenza - “u minħabba f’hekk il-Lhud *wisq iżjed minn qabel* bdew ifittxu li joqtluh” - jagħtina x’nifhmu li diġà kien hemm attentati oħra min-naħa ‘tal-Lhud’ biex joqtlu lil Ġesù.

Il-Kapitlu 6 jiftaħ b’nota ta’ festa oħra tal-Lhud: “Kien qorob l-Għid, il-festa tal-Lhud” (v.4), imma din id-darba Ġesù jibqa’ l-Galilija. Hawnhekk, l-ostilità kontra Ġesù tinħass aktar. L-Evanġelista l-ewwel isejjaħ lin-nies bħala “il-folla” [bil-Grieg: *oklos*][28] li jqisu lil Ġesù bħala profeta filwaqt li jippruvaw jagħmluh sultan wara li jkattar il-ħobż (v.15). Fil-v.41, ‘il-folla’ iżda ssir ‘il-Lhud’ li jibdew igergru kontra Ġesù bħalma għamlu missirijiethom fid-deżert.[29]

Il-Kapitlu 7, imbagħad, jerġa’ jiftaħ b’referenza għall-festa oħra: “Kienet qorbot għal-Lhud il-festa tal-Għerejjex” (v.2). Mill-bidu nett ta’ dan l-episodju naqraw li l-livell ta’ ostilità kontra Ġesù issa kien żdied sewwa: “Wara dan, Ġesù baqa’ jdur fil-Galilija, għax ma riedx joqgħod idur fil-Lhudija billi l-Lhud kienu qegħdin ifittxu li jotqluh” (v.1), filwaqt li fil-v.13 nerġgħu naqraw: “ħadd ma kien jitkellem fuqu bil-miftuħ, għax kienu jibżgħu mil-Lhud.”[30]

Fil-Kapiltu ta’ wara, imbagħad, Ġesù ta’ San Ġwann jagħmel waħda mill-aktar akkużi ħorox kontra



'il-Lhud' meta jgħidilhom: "Intom ġejjin minn missierkom, li hu x-xtian" (8,44).[31] Lejn tmiem din il-kontroversja, Ġesù jistqarr: "Tassew tassew, ngħidilkom, qabel ma kien Abraham, jiena hu" (v.58). Huwa hawn li 'il-Lhud' "qabdu l-ġebel biex iwaddbuhulu" (v.59) għaliex l-espressjoni "Jiena hu" [bil-Grieg: *ego eimi*] tirreferi għall-istess isem ta' Alla. B'din l-espressjoni, mela, Ġesù mill-ġdid kien qed jiddentifika lilu nnifsu bħala Alla.[32]

Il-Kapiltu 9, ir-raġel għama mit-twelid li ġie mfejjaq minn Ġesù jiġi interrogat l-ewwel mill-ġirien. Wara dawn jeħduh għand il-Fariżej (v.13), sakemm bla ebda spjegazzjoni, fil-v.18 il-Fariżej isiru 'il-Lhud' li jkomplu l-interrogazzjoni tagħhom fuq l-identità u l-oriġini ta' Ġesù. Kien dan l-episodju li fetaħ il-bibien għal tant studji fuq l-oriġini ta' dan l-Evanġelju f'rabta mal-fażijiet differenti li minnhom għaddiet il-komunità ta' San Ġwann.[33] F'dan l-episodju ninnutaw żewġ movementi opposti. Min-naħa għandna lir-raġel li twieled għama, li mid-dlam jibda jagħmel progress sakemm jgħaddi għad-dawl veru billi jagħraf u jemmen f'Ġesù bħala Bin il-bniedem. Min-naħa l-oħra, għandna 'il-Lhud' li għalkemm jgħidu li jaraw, fil-fatt mid-dawl jgħaddu għad-dlam billi jibqgħu ma jemmnux li Ġesù hu tassew il-mibgħut tal-Missier.

Din il-kwestjoni li tibda fil-Kapitlu 9 twassal sal-Kapitlu 10 fejn Ġesù jistqarr: "Jiena u l-Missier aħna ħaġa waħda" (10,30).[34] Mill-ġdid, quddiem din l-istqarrija naqraw li "il-Lhud reġgħu qabdu l-ġebel biex iħaġġruh" (v.31).

Fiż-żewġ Kapitli li jmiss, imbagħad, din it-tensjoni tkompli teskala, tant illi meta Ġesù ried jerġa' jmur il-Lhudija, id-dixxipli qalulu: "Rabbi, il-Lhud għadhom kemm kienu qegħdin ifittxu li jħaġġruk, u int rieġa' sejjer hemm?" (11,8). Ġesù iżda jmur Betanja fejn qajjem lil ħabibu Lazzru mill-mewt. F'dan l-episodju, ir-Raba' Evanġelista jippreżenta sentimenti differenti meta jinfurmana li, filwaqt li "ħafna mil-Lhud, li kienu ġew għand Marija u raw dak li għamel Ġesù, emmnu fih", min-naħa l-oħra "xi wħud minnhom marru għand il-Fariżej u qalulhom x'kien għamel Ġesù" (vv. 45-46). Bħala riżultat ta' dan, is-Sinedriju jieħu deċiżjoni formali li Ġesù kellu jmut (v.53).[35]

## Konklużjoni

F'dan l-artiklu ippruvajna naraw li r-Raba' Evanġelista juża' l-kelma 'il-Lhud' bħala kategorija letterarja. 'Il-Lhud' jirrappreżentaw dawk li minkejja li raw tant sinjali ta' Ġesù, huma xorta waħda baqgħu m'emmnux li Ġesù hu l-Messija, l-Iben ta' Alla. Minkejja dan, ma kinux ftit dawk li matul iż-żmien qraw din l-użu tal-kelma 'il-Lhud' f'dan l-Evanġelju f'termini razzjali, b'mod li dan l-Evanġelju spiċċa wżat bħala għodda kontra l-poplu Lhudi.

Ħaġa bħal din tibqa' tifitħilna għajnejna li l-Evanġelji rridu

nippurvaw naqrawhom fil-kuntest storiku li fihom inkitbu. Meta aħna ninsew dan, allura faċilment li nitbegħdu mill-intenzjonijiet li għalihom inkiteb dan l-Evanġelju jiġifieri, "sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu" (20,31).

## Referenzi


1 Ara, per eżempju l-istudju ta', John Ashton, *The Jews in John,* in *Studying John, Approaches to the Fourth Gospel,* Oxford 1994, 36-70.

2 Dwar din id-distinzjoni u aktar ara, Johannes Beutler, *Judaism and the Jews in the Gospel of John* (= Subsidia Biblica 30), Roma 2006, 145-157.

3 Fuq din l-akkuża kontra dan l-Evanġelju, ara l-ġabra ta' studji, *Anti-Judaism and the Fourth Gospel,* edited by Reimund Bieringer et al., Louisville 2001.

4 Ara l-pożizzjoni tal-Knisja fuq hekk miġbura fid-Dokument, The Pontifical Biblical Commission, *The Jewish People and their Sacred Scriptures in the Christian Bible,* Vatican 2002.

5 Ara, per eżempju, U. C. Von Wahlde, *The Johannine 'Jews': A Critical Survey,* in *New Testament Studies* 28 (1981/2) 33-60.

6 M. Lowe, *Who are the 'Ioudaioi?* in *Novum Testamentum* 18 (1976) 101-130.

7 Ara Rudolf Pesch, *Antisemitismo nella Bibbia? Indagine sul Vangelo di Giovanni* (= Giornale di Teologia 328), Brescia 2007.

8 Studju reċenti li jittratta dan is-suġġett huwa dak ta' John Connelly, *From Enemy to Brother. The Revoltuion in Catholic Teaching on the Jews 1933-1965,* Cambridge 2012.

9 Din l-espressjoni kien ħareġ biha Klement ta' Lixandra u hija kkwotata f'Ewsebju minn Ċesarija, *Historia ecclesiastica* 6.14.5.

10 Il-pijunier ta' dawn l-istudji huwa J. L. Martyn, *History and Theology in the Fourth Gospel,* New York – Evanston 1968; Nashville ²1979.

11 Fost il-ħafna studji fuq din il-pożizzjoni ara, M. C. de Boer, *Johannine Perspectives on the Death of Jesus* (= Biblical Exegesis & Theology 17), Kampen 1996.

12 Fuqa dan l-argument ara, per eżempju, Celestino G. Lingad, JR., *The Problems of Jewish Christians in the Johannine Community* (= Tesi Gregoriana Serie Teologia 73), Roma 2001.

13 Dwar dawn it-temi ara, Anthony Tyrrell Hanson, *The Prophetic Gospel, A Study of John and the Old Testament,* Edinburgh 1991.

14 Fuq it-tema tat-Tempju fl-Evanġelju skont San Ġwann ara l-istudju ta' Alan R. Kerr, *The Temple of Jesus' Body. The Temple Theme in the Gospel of John* (= Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 220), Sheffield 2002.

15 Għal ġabra tajba ta' studji fuq il-Kapitlu 6 ta' San Ġwann li jinkludi wkoll bosta ideat fuq il-kuntrast bejn il-manna u l-ħobż ħaj nieżel mis-sema, ara, *Critical Readings of John 6,* edited by R. Alan Culpepper, Leiden 1997.

16 Studju klassiku fuq dan l-argument huwa dak ta' Wayne A. Meeks, *The Man from Heaven in Johannine Sectarianism,* in *The Interpretation of John,* edited by John Ashton, Edinburgh ²1997, 169-205.

17 Ara Ġw 2,13; 11,55.

18 Ara Ġw 5,1; 6,4; 7,2.

19 Ara Ġw 7,19.

20 Ara Ġw 8,39-44.

21 Ara Ġw 5,39-40; 10,31-39. Ara l-istudju ta' C. J. A. Hickling, *Attitudes to Judaism in the Fourth Gospel,* in *L'Évangile de Jean, Sources, Rédaction, théologie* (= Biblioteca Ephemeridum Theologicarum Lovaniensium XLIV), Leuven 1987, 347-354.

22 Ara Ġw 10,31-39.

23 Fuq dawn it-testi Kristoloġiċi f'rabta mal-kontroversja mal-'Lhud' ara, A. E. Harvey, *Jesus on Trial, A Study in the Fourth Gospel,* London 1976.

24 Għal aktar tagħrif fuq kif il-Kristoloġija tar-Raba' Evanġelju hija r-rifless tal-istadji differenti tal-kompożizzjoni tar-Raba' Evannġelju u tal-istorja tal-komunità ta' San Ġwann li kienet f'konfront mal-'Lhud' ara, John Painter, *The Quest for the Messiah. The History, Literature and Theology*

*of the Johannine Community,* Edinburgh [2]1993, 214-255.

25 Fuq dan l-argument, ara, Marida Nicolaci, *Egli diceva loro il Padre, I discorsi con i Giudei a Gerusalemme in Giovanni 5-12* (= Studia Biblica 6), Roma 2007.

26 Fost l-istudji fuq l-Ironija fir-Raba' Evanġelju, ara, R. Alan Culpepper, *Reading Johannine Irony,* in *Exploring the Gospel of John, In Honor of D. Moody Smith,* edited by R. Alan Culpepper and C. Clifton Black, Louisville-Kuntucky 1996, 193-207.

27 Ara per eżempju, Ġw 1,47.49; 3,10; 12,13.

28 Ara Ġw 6,2.5.22.24.

29 Fuq kif 'il-Lhud' jiġu ppreżentati fid-diskors fuq il-ħobż ħaj, fil-Kapitlu 6, ara, Helen C. Orchard, *Courting Betrayal, Jesus as Victim in the Gospel of John* (= Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 161), Sheffield 1998, 117-133.

30 G. R., Beasley-Murray, *John* (= *Word Biblical Commentary* 36), Waco/Texas [2]1999, 106, jissuġġerixxi li r-referenzi għal-Lhud fi Ġw 7,1.13 jiffurmaw *inclusio,* biex b'hekk din is-silta sservi ta' introduzzjoni għan-narrattiva ta' wara.

31 Fuq ir-rwol 'tal-Lhud' fil-Kapitlu 8 u kif dawn hawnhekk jiġu msejħa bħala 'ulied ix-xitan' ara, Sigfred Pederson, *Anti-Judaism in John's Gospel: John 8,* in *New Readings in John, Literary and Theological Perspectives. Essays from the Scandinavian Conference on the Fourth Gospel in Arhus 1997,* edited by Johannes Nissen – Sigfred Pederson (= Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 182), Sheffield 1999, 172-193.

32 Ara l-kliem li l-Mulej Alla jtenni lil Mosè fid-dehra tas-siġra taqbad tal-għollieq f'Eż 3,14. Għal studju tajjeb fuq is-sentenzi ta' Ġesù li jibdew bil-kliem: "Jiena Hu", ara, Richard Bauckham, *Monotheism and Christology in the Gospel of John,* in *Contours of Christology in the New Testament,* edited by Richard N. Longenecker, Grand Rapids/MI 2005, 148-168.

33 Fost l-istudji li juru kif il-Kapitlu 9 ta' San Ġwann jirrifletti l-konflitt bejn il-komunità ta' San Ġwann u s-Sinagoga jew il-Lhud, ara, D. Rensberger, *Johannine Faith and Liberating Community,* Philadelphia 1988.

34 L-istqarrija fi Ġw 10,30 għenet lill-Knisja biex tibni l-argumenti sodi li waslu biex tiddikjara b'mod uffiċjali d-Divinità ta' Ġesù Kristu quddiem l-ereżija tal-Arjani li kienu jiċħdu d-divinità ta' Ġesù Kristu. Fuq l-iżvilupp ta' dan it-test u testi oħra mill-Evanġelju skont San Ġwann fl-istorja tad-Duttrina tal-Knisja ara, Sara Parvis, *Christology in the Early Arian Controversy: The Exegetical War,* in *Christology and Scripture, Interdisciplinary Perspectives* (= Library of New Testament Studies 348), edited by Andrew T. Lincoln - Angus Paddison, London-New York 2007, 120-137.

35 Fuq ir-relazzjoni tal-Kapitlu 11 mal-Kapitlu 12 fejn naqraw dwar id-deċiżjoni formali tal-'Lhud' biex joqtlu lil Ġesù, ara, Lucio Cilia, *La Morte di Gesù e l'unità degli uomini (Gv 11,47-53; 12,32), Contributo allo studio della soteriologia giovannea* (= Supplimenti alla Rivista Biblica 24), Bologna 1992.



# FIDI-FIDUĊJA U FIDI-DAK LI NEMMEN

**_Paul Sciberras_**

*Ġesù jfejjaq tifel maħkum mix-Xitan (Mt 17,14-20)*

## Mt 17,14-20

14 Meta reġgħu ġew ħdejn in-nies,

resaq fuqu wieħed raġel, niżel għarkubbtejh
quddiemu u qallu:

15 "Mulej, ikollok ħniena minn ibni, għax
marid b'tal-qamar u qiegħed ibati ħafna;
għax sikwit jaqa' jew fin-nar jew fl-ilma.
16 Ġibtu lid-dixxipli tiegħek, iżda ma setgħux
ifejquh." 17 Wieġeb Ġesù u qal: "Ja nies bla
fidi u ħżiena, kemm se ndum magħkom?
Kemm se ndum nissaportikom? Ġibuhuli
hawn."

18 Mbagħad Ġesù hedded bis-sħiħ lix-xitan,
u dan ħareġ minnu, u minn dak il-ħin stess
it-tifel fieq.

19 Wara mbagħad id-dixxipli resqu lejn Ġesù
għalihom weħidhom u qalulu: "L-għala aħna
ma rnexxilniex inkeċċuh?" 20 U hu qalilhom:
"Minħabba l-fidi żgħira tagħkom! Għax
tassew ngħidilkom, li kieku għandkom fidi
mqar daqs żerriegħa tal-mustarda, kontu
tgħidu lil din il-muntanja, 'Warrab minn
hawn u mur hemm', u hi kienet twarrab; u
ma jkun hemm xejn għalikom li ma jistax
isir."

## Mk 9,14-29

14 Meta reġgħu ġew ħdejn id-dixxipli l-oħra,
rawhom b'kotra kbira ta' nies madwarhom,
u xi kittieba jitlewmu magħhom. 15 In-nies,
kif rawh, lkoll stagħġbu ħafna u ġrew lejh
biex isellmulu. 16 U hu staqsiehom: "Fuqiex
qegħdin titlewmu magħhom?" 17 U wieħed
mill-kotra qallu:

"Mgħallem, ġibtlek lil ibni għax għandu
spirtu mbikkem. 18 U kull fejn jaħkmu
jsabbtu mal-art u hu joħroġ ir-ragħwa minn
ħalqu, jgħażżeż snienu u jibbies. Għedt lid-
dixxipli tiegħek biex ikeċċuh minnu, u ma
kellhomx ħila."

19 "Ja nies bla fidi" qalilhom Ġesù, "kemm
se ndum magħkom? Kemm se ndum
nissaportikom? Ġibuhuli quddiemi."

20 U ressquhulu quddiemu. L-ispirtu, malli
lemaħ lil Ġesù, beda jħabbtu 'l hawn u 'l
hemm bir-ragħwa f'ħalqu. 21 "Xi kemm
ilu jagħtih hekk?" staqsa Ġesù lil missieru.
"Minn ċkunitu," qallu, 22 "u sikwit ġie li
tefgħu fin-nar u fl-ilma biex jeqirdu. Imma
int, jekk tista' tagħmel xi ħaġa, għinna u ħenn
għalina!" 23 "Jekk tista'!" qallu Ġesù. "Kollox
jista' jkun għal min jemmen!" 24 Missier it-
tifel minnufih beda jgħajjat u jgħidlu: "Jiena
nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!"
25 Ġesù, meta ra l-kotra tiżdied, hedded
bl-aħrax lill-ispirtu ħażin u qallu: "Ja spirtu
mbikkem u trux, jiena nordnalek: oħroġ
minnu, u la terġax tidħol fih, qatt iżjed!" 26 U
filwaqt li qabad jixher u jħabbtu ħafna, ħareġ
minnu, u t-tifel inxteħet għal mejjet, hekk li
l-kotra tan-nies bdiet tgħid: "Miet!" 27 Imma
Ġesù qabdu minn idu u qajmu, u hu waqaf
fuq saqajh.

28 Meta mbagħad Ġesù raġa' daħal id-dar,
id-dixxipli tiegħu staqsewh rasu u rashom:
"Għaliex ma rnexxilniex inkeċċuh?" 29
"Spirtu bħal dak," qalilhom, "ma jista' jitkeċċa
b'xejn ħlief bit-talb."

Fil-11 ta' Ottubru bdiet is-Sena tal-Fidi, imħabbra mill-Papa Benedittu XVI permezz tal-Ittra Appostolika *Il-Bieb tal-Fidi*. Fl-Atti tal-Appostli nsibu din il-frażi: "… Meta waslu (*Pawlu u Barnaba*), laqqgħu l-membri tal-Knisja u qagħdu jgħarrfuhom b'dak kollu li Alla għamel magħhom, u wrewhom kif fetaħ *il-bieb tal-fidi* għall-pagani. Hemm qagħdu għal ftit żmien sewwa mad-dixxipli" (Atti 14,27-28). Eżatt wara jibda r-rakkont tal-Konċilju ta' Ġerusalemm, rakkont li fih il-Knisja-Omm ta' Ġerusalemm tissiġilla l-ftuħ tat-twemmin f'Ġesù għal kulħadd, Lhud u mhumiex.

Fl-Atti Alla jiftaħ il-Bieb tal-Fidi fil-Knisja tal-Bidu. Imma Alla fetaħ ukoll il-bieb għal kull wieħed u waħda minna u jistedinna biex nidħlu 'l ġewwa mill-għatba ta' dan il-bieb lejn relazzjoni iktar profonda miegħu. Is-Sena tal-Fidi hija stedina u opportunità biex kull nisrani Kattoliku jdur lejn Ġesù Kristu, jiltaqa' miegħu fis-sagramenti, speċjalment fl-Ewkaristija, u jerġa' jiskopri l-fidi tiegħu u l-Knisja li twassallu din il-fidi.

Ir-rakkont tal-miraklu li Ġesù jagħmel ma' tifel maħkum mix-Xitan jista' jservi bħala stedina għall-fidi f'Alla, imma wkoll għalina għal relazzjoni aktar profonda u impenjata f'Alla. Għalkemm qed ikun hawn ftit tal-konfużjoni x'jiġifieri s-Sena tal-Fidi (is-Sena li fiha nagħrfu iżjed *fhiex* nemmnu u x'inhu l-*kontenut* tal-fidi li nħaddnu), imma dan iwassalna biex ikollna iktar fidi (bħala virtù, fiduċja f'Alla) f'dak li nemmnu fih u f'Ġesù ibnu.

## Ir-rakkont

L-istqarrija ta' fidi li jagħmel missier it-tifel hekk kif jersaq lejh biex jitolbu l-fejqan għal ibnu f'Mattew hija xi ħaġa li taqbadlek l-attenzjoni mill-ewwel. Meta mqabbel mar-rakkont ta' Mark, jidher ċar li Mattew ried jiffoka fuq kif missier it-tifel kien iħares lejn Ġesù: il-fidi tiegħu f'Ġesù kienet ġejja mill-fatt li lil Ġesù kien jarah bħala Bin Alla jew Alla nnifsu.

Filwaqt li f'Mark, in-nies jiġru lejn Ġesù u donnhom jinsew il-kwistjoni li kellhom mal-Fariżej biex "isellmulu", f'Mattew "resaq fuqu wieħed raġel, *niżel għarkubbtejh quddiemu* u qallu: 'Mulej …'. Il-verb "niżel għarkubbtejh quddiemu" huwa l-verb tal-adorazzjoni. It-titlu "Mulej" huwa t-titlu li l-ewwel insara kienu japplikaw għal Ġesù wara l-qawmien. Huwa titlu (*kyrios*) li t-Testment il-Qadim kien juża għal Alla; it-Testment il-Ġdid iqis lil Ġesù wara l-qawmien bl-istess karatteristiċi ta' Alla.

Jekk inqabblu r-rakkont ta' Mark ma' dak ta' Mattew (u nafu li Mark huwa għajn ta' informazzjoni biex Mattew kiteb l-Evanġelju tiegħu) naraw li Mattew irid lill-qarrejja tiegħu jiffukaw mhux fuq il-miraklu fih innifsu imma fuq l-att ta' fidi tal-missier, l-istagħġib tad-dixxipli għall-*helplessness* tagħhom u s-sentenza dwar il-fidi fid-dixxipli minn Ġesù.

Fil-v.15 ta' Mattew għandna differenza importanti minn Mark: "Mulej, ikollok ħniena minn ibni" flok "Mgħallem, ġibtlek lil ibni"! "Mulej, ikollok ħniena minn ibni", ġiet użata mill-Knisja bħala espressjoni ta' ndiema u ta' talba għall-maħfra: *Kyrie eleison* – Mulej, ikollok ħniena; Mulej, ħenn. Tant hija frażi liturġika, li tintuża l-verżjoni bil-Grieg anke fil-liturġija bil-Latin. Anke jekk ma nifhmux il-Grieg, imma nafu li hija frażi ta' talba għall-ħniena u l-maħfra, u nużawha.

It-tifel kien "marid b'tal-qamar u qiegħed ibati ħafna; għax sikwit jaqa' jew fin-nar jew fl-ilma". Il-verb bil-Grieg li juża Mattew ġej mill-kelma għal "qamar". Għadna nużawha sal-lum (anke jekk b'mod żbaljat u popolari) għal min ibati bl-epilessija. Kienu jaħsbu li hija marda li għandha x'taqsam maċ-ċikli tal-qamar. In-nar u l-ilma mhumiex l-ambjenti li fihom jgħix il-bniedem; allura l-ħsara qiegħda fil-fatt li l-bniedem imut; huwa periklu u ħsara fatali. Il-missier donnu kien konvint li d-dixxipli ta' Ġesù, *għax huma ta' Ġesù*, jistgħu jfejqu minn dan il-mard li ma

jħallix lill-bniedem jgħix. Ġesù għandu s-setgħa li jagħti l-ħajja, li jfejjaq minn dak li hu ta' ħsara għall-ħajja.

Id-dixxipli ma setgħux ifejjquh. Din hija nota oħra li taqbel ħafna man-noti dwar id-dixxipli ta' Ġesù li jagħti Mark fl-Evanġelju tiegħu. Ma jifhmux lil Ġesù, ma jifhmux it-tagħlim tiegħu, ifixkluh ... Mark jikteb lil komunità ta' nsara f'Ruma fis-sena 65 w.K., allura fi żmien meta Ruma kien hemm Neruni bħala Imperatur; allura fi żmien ta' persekuzzjoni kbira kontra l-insara. Minħabba din il-persekuzzjoni, ħafna nsara ċaħdu l-fidi, ittradew lill-oħrajn, jew għotru fil-prova. Mark għandu ħafna testi u sentenzi ta' Ġesù li fihom juri d-dgħjufija tad-dixxipli ta' Ġesù (propjament rifless tal-komunità tiegħu), inkluż Pietru nnifsu. Ngħidu aħna: Mk 13,6: "Għad jiġu ħafna f'ismi u jgħidu: 'Jiena hu'". Jiena hu huwa l-isem li ta Alla lilu nnifsu, meta Mosè talbu jgħidlu x'jismu ħalli jkollu kredenzjali quddiem il-Poplu Lhudi fl-Eġittu (ara Esodu 3,14). L-Imperaturi kienu sabuha sewwa għal ħafna raġunijiet isejħu lilhom infushom *Divus*, alla! Ġesù jkompli jwissi: "U meta jeħdukom biex jitilqukom f'idejhom, tinkwetawx ruħkom xi tkunu se tgħidu, iżda tkellmu kif tkunu mnebbħin dak il-ħin stess; għax mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu s-Santu." L-Ispirtu s-Santu huwa l-Ispirtu Qaddis, l-Ispirtu ta' Alla, li l-insara kienu jaduraw, kontra "alla" li kien isejjaħ lilu nnifsu l-Imperatur. Imbagħad: Mk 13,12-13: "L-aħwa jwasslu lil xulxin għall-mewt u l-missier lil ibnu, u l-ulied iqumu kontra l-ġenituri tagħhom biex tinqatgħalhom għall-mewt. U lilkom kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi. Imma min jibqa' jżomm sħiħ sal-aħħar, dan isalva."

Mattew jippreżenta lil Ġesù bħala l-Mosè l-ġdid għal komunità ta' nsara aktarx Lhud, imma li kienet ukoll qed issir kulma jmur aktar miftuħa għall-pagani. Fil-fatt iċ-ċanfira ta' Ġesù lid-dixxipli: "Ja *nies* bla fidi u *ħżiena*, kemm se ndum magħkom? Kemm se ndum nissaportikom? Ġibuhuli hawn" tixbah ħafna liċ-ċanfira ta' Mosè lill-Poplu Lhudi li nsibu fil-Ktieb tad-



Dewteronomju 32,5: "Mxew ħażin miegħu; mhumiex uliedu, għajb għalihom; *nisel ta'* inkwiet u *għawġ*". Fil-Grieg tat-Testment il-Qadim tad-Dewteronomjut u dak tat-Testment il-Ġdid tat-test tagħna nsibu l-istess frażi (*geneà skolià kai diestramméne* u *geneà ápistos kai diestramméne*).

Jekk Mattew juża l-kliem li juża Mosè għall-Poplu Lhudi, ifisser li hemm xi sitwazzjoni fid-dixxipli li tixbah lil dik tal-Poplu Lhudi. Alla sikwit isejjaħ lill-Poplu Lhudi, il-Poplu tiegħu, il-Poplu ta' Mosè, "Poplu ta' ras u qalb iebsa" (ara Dewt 10,16; Ġer 4,4; Eżek 3,7). "Ras u qalb iebsa" jfissru nies li għalkemm jaraw il-fatti, jaraw x'jagħmel Alla magħhom, xorta jibqgħu mwaħħlin fis-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' fidi u fiduċja f'Alla u f'Mosè. Id-dixxipli jaraw x'għamel Ġesù u x'kien qiegħed jagħmel, x'kien għallem u x'kien qiegħed jgħallem u xorta jibqgħu jiddubitaw.

Jekk Mattew qiegħed jikteb fis-sena 85-90, ifisser li għandu quddiemu komunità ta' nsara li minħabba l-imġiba tagħhom qed iġibu ruħhom bħad-dixxipli ta' Ġesù. Mattew jindirizza dik l-imġiba bl-imġiba tad-dixxipli u bil-mediċina li jagħti Ġesù: il-fidi, imqar ċkejkna daqs żerriegħa tal-mustarda.

Il-waqgħat tal-insara fl-ewwel żminijiet mhumiex 'il bogħod minn dawk tal-insara fi żminijiet ta' wara, sa tagħna stess. Dan l-evanġelju, dan il-miraklu, din il-mediċina ta' Ġesù japplikaw għalina wkoll. Fidi mqar ċkejkna f'idejn Ġesù tista' tagħmel ħwejjeġ kbar. Imma allura nistaqsu: possibbli lanqas daqshekk ma għandna fidi aħna f'Ġesù? Jekk iżjed tard se jgħid li l-fidi trid tkun tikkonsisti f'illi nduru lejn Alla fit-talb, allura jfisser li n-nuqqas ta' fidi tagħna hija li ma nitolbux f'attitudni ta' fidi, ma għandniex ċar lil min qed nitolbu; ma għandniex ċar li meta nitolbu, nitolbu "ikun li trid int" ... fejn hu mmirat it-talb tagħna.

Fil-v.17: "Wieġeb Ġesù u qal: "Ja nies bla fidi u ħżiena, *kemm se ndum magħkom*? Kemm se ndum nissaportikom? Ġibuhuli hawn"". Fiex tfakkarna il-frażi "jien magħkom"? Mattew hekk kien qal li se tkun jisimha t-tarbija meta l-anġlu ħabbar it-twelid lil Ġużeppi (1,20-23): "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom. Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: 'Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El', li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'". Alla hu magħna f'Ġesù! U l-isem Ġesù, kien qalilna diġà Mattew ifisser "Hu jsalva lill-poplu tiegħu minn dnubiethom". Mela Mattew qiegħed jagħmel *statement* importanti ħafna: fidi li l-azzjoni ta' salvazzjoni ta' Alla waslet u qiegħda f'Ġesù hija l-fidi li tagħmel il-mirakli.

Issa aħna, bħal missier it-tifel marid, ukoll nagħmlu ċerti stqarrijiet dwar Ġesù: fit-talb tagħna, fil-Liturġija, fil-Kredu tagħna. Imma xi nkunu ngħidu? Xi nkunu nistqarru? Nemmnu tassew dak li nistqarru? It-titli li nagħtu lil Ġesù jsiru biss tikketti biex insemmu lil Ġesù, jew titli li huma kontenut ta' x'nemmnu tassew dwar Ġesù?

Jista' jkun li bħad-dixxipli tal-komunità ta' Mattew aħna wkoll konfużi jew almenu nagħmlu l-mistoqsija: għaliex aħna ma nagħmlux mirakli; għaliex aħna ma nħossux il-kariżmi li ngħidu aħna jitkellem fuqhom San Pawl (1 Kor 13,2 – "U kieku kelli d-don tal-profezija u kont naf il-misteri kollha u l-għerf kollu, kieku kelli l-fidi tiegħi sħiħa li nqanqal il-muntanji, imma ma kellix imħabba, jiena ma kont inkun xejn")?

Kollox jindika żewġ affarijiet: fidi persistenti fir-rieda ta' Alla imma wkoll fidi li l-azzjoni ta' salvazzjoni ta' Alla waslet u qiegħda f'Ġesù.

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## Tiġdid L-Art Imqaddsa 2013




# ABBONAMENT:

## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2013

# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

## Pellegrinaġġi 2013

*Is-Sena tal-Fidi*

## Art Imqaddsa u Ġordanja

4 April - 14 April

1 Mejju - 9 Mejju
22 Mejju - 30 Mejju
17 Lulju - 25 Lulju
4 Awwissu - 12 Awwissu
4 Settembru - 12 Settembru

## Art Imqaddsa u Sinaj

3 Novembru – 13 Novembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt